2024/3203

30.12.2024

PROTOKOLL DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-FTEHIM TA' SĦUBIJA DWAR IS-SAJD SOSTENIBBLI BEJN L-UNJONI EWROPEA, MIN-NAĦA WAĦDA, U L-GVERN TA' GREENLAND U L-GVERN TAD-DANIMARKA, MIN-NAĦA L-OĦRA (2025–2030)

Artikolu 1

Objettiv

L-objettiv ta' dan il-Protokoll huwa li jimplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, min-naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra ([1]) ("il-Ftehim"), magħmul fi Brussell fit-22 ta' April 2021. Dan il-Protokoll jinkludi Anness u Appendiċijiet.

Artikolu 2

Opportunitajiet tas-sajd indikattivi u l-proċess biex jiġi stabbilit il-livell annwali tagħhom

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' Greenland jawtorizzaw lill-bastimenti tal-Unjoni biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet tas-sajd għall-ispeċijiet u ż-żoni ta' ġestjoni rispettivi elenkati hawn taħt skont il-livell indikattiv annwali li ġej (f'tunnellati):

L-ispeċijiet u ż-żoni rispettivi ta' ġestjoni fiż-ŻEE ta' Greenland 'il barra minn 12-il mil nawtiku mil-linja bażi	Opportunitajiet indikattivi
Bakkaljaw fis-subżoni II, V, XII, XIV tal-ICES	2 050
Redfish pelaġiku (REB) fis-subżoni XII u XIV tal-ICES u fid-diviżjoni 1F tan-NAFO, sakemm din it-tip ta' ħuta ma jsirx sajd għaliha skont l-iskema ta' flessibbiltà għar-redfish pelaġiku stabbilita fl-Appendiċi 5 tal-Anness	0 ([2])
Redfish demersali (RED) ([3]) fis-subżoni II, V, XII, XIV tal-ICES	2 100
Ħalibatt ta' Greenland fis-subżona 1 tan-NAFO — fin-nofsinhar ta' 68° fit-Tramuntana	1 900
Ħalibatt ta' Greenland fis-subżoni II, V, XII u XIV tal-ICES ([4])	4 775
Gamblu tat-Tramuntana fis-subżona 1 tan-NAFO	2 431
Gamblu tat-Tramuntana fis-subżoni II, V, XII, XIV tal-ICES	4 150
Kapelin fis-subżoni II, V, XII, XIV tal-ICES ([5])	13 000

([1]) ĠU UE L 175, 18.5.2021, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/793/oj.
([2]) Kwalunkwe allokazzjoni ta' redfish għandha tkun konformi mal-ftehim ta' ġestjoni u d-deċiżjonijiet milħuqa fil-livell tal-NEAFC.
([3]) RED huwa l-kodiċi tal-FAO għas-Sebastes spp. Għar-rapportar tal-qabdiet, madankollu, l-ispeċijiet għandhom jiġu kkodifikati skont l-ispeċi (REG, REB).
([4]) Is-sajd għandu jsir minn mhux iktar minn sitt bastimenti jistadu fl-istess ħin.
([5]) Meta jinqabad, wara kwota minima għal Greenland ta' 30 000 tunnellata skont it-TAC inizjali, intermedju u finali, l-Unjoni għandha tiġi offruta opportunitajiet tas-sajd kif disponibbli sa massimu ta' 7,7 % tat-TAC applikabbli tal-kapelin matul l-istaġun tas-sajd u f'konformità mal-paragrafi 2 sa 5. L-Unjoni għandha twieġeb għall-offerti għall-opportunitajiet tas-sajd li jsiru bejn l-1 ta' Ottubru u l-31 ta' Diċembru fi żmien 14-il jum kalendarju. Għall-opportunitajiet tas-sajd offruti lill-Unjoni barra minn dan il-perjodu, l-Unjoni għandha tagħmel ħilitha biex twieġeb fi żmien 5 ijiem kalendarji, u għandha tirrispondi sa mhux aktar tard minn 7 ijiem kalendarji.

L-ispeċijiet u ż-żoni rispettivi ta' ġestjoni fiż-ŻEE ta' Greenland 'il barra minn 12-il mil nawtiku mil-linja bażi	Opportunitajiet indikattivi
Kavalli fis-subżoni II, V, XII, XIV tal-ICES	0
Grenadier speċi fis-subżoni II, V, XII, XIV tal-ICES (6)	100
Grenadier speċi fis-subżona 1 tan-NAFO	100
Qabdiet aċċessorji	300

2. Għal kull sena li matulha jdum għaddej dan il-Protokoll u sa mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta l-livell attwali tal-opportunitajiet tas-sajd għall-ispeċijiet elenkati hawn fuq, abbażi tal-livell indikattiv stabbilit fil-paragrafu 1 u filwaqt li jitqiesu l-pariri xjentifiċi disponibbli, il-pjanijiet rilevanti ta' ġestjoni adottati mill-Gvern ta' Greenland jew minn organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd, l-approċċ ta' prekawzjoni u l-ħtiġijiet tal-industrija tas-sajd ta' Greenland.

3. Jekk l-opportunitajiet tas-sajd attwali jkunu inqas minn dawk indikati fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu għal ċerti speċijiet, il-Kumitat Konġunt jista' jikkumpensa għal dan billi joffri opportunitajiet tas-sajd oħra fl-istess sena. Jekk ma jiġi miftiehem l-ebda kumpens, il-Kumitat Konġunt għandu jaġġusta l-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (a), b'mod proporzjonat mal-opportunitajiet tas-sajd relattivi għall-opportunitajiet tas-sajd indikattivi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

4. Jekk l-opportunitajiet tas-sajd attwali jkunu aktar minn dawk indikati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kumitat Konġunt għandu jaġġusta l-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (a) b'mod proporzjonat.

5. Minbarra l-proċess annwali deskritt fil-paragrafi 2 sa 4 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet ta' Greenland jistgħu joffru opportunitajiet addizzjonali tas-sajd għall-ispeċijiet elenkati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu lill-Unjoni, li tista' taċċettahom kollha kemm huma jew parzjalment. F'ċirkostanzi bħal dawn, il-Kumitat Konġunt għandu jirrieżamina l-opportunitajiet addizzjonali tas-sajd u jaġġusta l-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (a), b'mod proporzjonat. L-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni għandhom iwieġbu lil Greenland dwar dan sa mhux aktar tard minn 6 ġimgħat wara li jirċievu l-offerta.

6. l-bastimenti tal-Unjoni li joperaw fiż-ŻEE ta' Greenland għandhom jirrispettaw ir-regoli applikabbli dwar il-qabdiet aċċessorji, kemm għall-ispeċijiet regolati kif ukoll għal dawk mhux regolati, u dwar il-projbizzjoni fuq l-iskartar.

7. Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll, "qabdiet aċċessorji" tfisser qabdiet ta' kwalunkwe organiżmu tal-baħar ħaj li ma jkunx indikat bħala speċi fil-mira fuq l-awtorizzazzjoni tas-sajd tal-bastiment jew li ma jkunx jissodisfa r-rekwiżiti minimi tad-daqs.

8. Il-qabdiet aċċessorji għandhom ikunu limitati għal rata ta' 5 % fil-każ tas-sajd għall-gamblu tat-Tramuntana u għal rata ta' 10 % fil-każ tas-sajd għal ħut ieħor.

9. Ma għandha tingħata l-ebda awtorizzazzjoni speċifika tas-sajd għall-qabdiet aċċessorji.

10. Il-qabdiet kollha, inklużi l-qabdiet aċċessorji u l-iskartar tal-ħut għandhom jiġu rreġistrati u rrappurtati skont l-ispeċi f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli ta' Greenland.

11. Ma għandha titħallas l-ebda tariffa speċifika għall-awtorizzazzjoni tas-sajd għall-qabdiet aċċessorji, peress li t-tariffi stipulati fl-Anness ta' dan il-Protokoll għall-ispeċijiet fil-mira ġew stabbiliti billi tqiesu r-regoli dwar il-qabdiet aċċessorji awtorizzati

12. Barra minn hekk u mingħajr preġudizzju għar-rati tal-qabdiet aċċessorji u għar-regoli msemmija fil-paragrafi 7 sa 11, il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jimplimentaw strateġiji tas-sajd li jiżguraw li l-qabdiet aċċessorji tar-redfish u tal-bakkaljaw fil-każ tas-sajd għall-ħalibatt ta' Greenland, il-qabdiet aċċessorji tar-redfish u tal-ħalibatt ta' Greenland fil-każ tas-sajd għall-bakkaljaw, u l-qabdiet aċċessorji tal-bakkaljaw u tal-ħalibatt ta' Greenland fil-każ tas-sajd għar-redfish ma jaqbżux il-5 % tal-qabdiet awtorizzati tal-ispeċijiet fil-mira għal kull vjaġġ. Vjaġġ huwa l-perjodu bejn id-dħul fiż-ŻEE ta' Greenland u l-ħruġ minnha. Jekk bastiment ikun inħatt kompletament f'port ta' Greenland, il-qabdiet ta' wara jiġu ttrattati bħala vjaġġ ġdid.

(6) Il-grenadier imnieħru tond u l-grenadier rasu raffa ma għandhomx ikunu fil-mira, u għandhom jinqabdu biss bħala qabda aċċessorja flimkien ma' speċijiet oħra fil-mira.

Artikolu 3

Kontribuzzjoni finanzjarja u metodi tal-ħlas

1. Għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 13 ta' dan il-Protokoll, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 8 tal-Ftehim għandha tkun ta' EUR 17 296 857 fis-sena.

2. Din il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha tkun magħmula minn:

(a) ammont annwali ta' EUR 14 096 857 għall-aċċess għaż-ŻEE ta' Greenland skont l-Artikolu 2(2) u (5) u l-Artikolu 7;

(b) ammont speċifiku ta' EUR 3 200 000 fis-sena bħala appoġġ għall-politika settorjali tas-sajd ta' Greenland u għall-implimentazzjoni tagħha.

3. L-ammont totali mħallas mill-Unjoni għall-kontribuzzjoni finanzjarja ma għandux ikun iktar mid-doppju tal-ammont indikat fl-Artikolu 3(2), il-punt (a).

4. L-Unjoni għandha tħallas l-ammont kif stabbilit fil-paragrafu 2, il-punt (a), sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju fl-ewwel sena u mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu fis-snin ta' wara. L-Unjoni għandha tħallas l-ammont speċifiku kif stabbilit fil-paragrafu 2, il-punt (b) sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju fl-ewwel sena u mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju fis-snin ta' wara.

5. L-awtoritajiet ta' Greenland għandu jkollhom diskrezzjoni sħiħa fl-użu tal-kontribuzzjoni finanzjarja kif speċifikat fil-paragrafu 2, il-punt (a).

6. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha titħallas f'kont tat-teżor pubbliku miftuħ ma' istituzzjoni finanzjarja speċifikata mill-awtoritajiet ta' Greenland.

Artikolu 4

Appoġġ settorjali

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-appoġġ settorjali stipulata fl-Artikolu 3(2), il-punt (b) għandha tkun separata mill-ħlasijiet marbutin mal-kostijiet tal-aċċess. Din tiddependi fuq il-kisba tal-objettivi tal-politika settorjali tas-sajd ta' Greenland, identifikati mill-Kumitat Konġunt u fid-dawl tal-programmazzjoni annwali u pluriennali biex dawn jintlaħqu, u tiġi stabbilita abbażi ta' dan.

2. Hekk kif jibda japplika dan il-Protokoll u mhux aktar tard minn 3 xhur wara dik id-data, il-Kumitat Konġunt għandu jiftiehem dwar programm settorjali pluriennali u dwar regoli dettaljati ta' implimentazzjoni li jkopru, b'mod partikolari:

(a) il-linji gwida annwali u pluriennali għall-użu tal-parti mill-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (b), għall-inizjattivi li għandhom jitwettqu kull sena;

(b) il-miri annwali u pluriennali li għandhom jintlaħqu sabiex biż-żmien ikompli s-sajd responsabbli u sostenibbli, abbażi tal-prijoritajiet ta' Greenland fil-politika nazzjonali tas-sajd tagħha u f'politiki oħrajn marbutin mal-kontinwazzjoni tas-sajd responsabbli u sostenibbli jew li għandhom impatt fuqu;

(c) kriterji u proċeduri għall-evalwazzjoni tar-riżultati miksuba kull sena.

3. Kwalunkwe emenda proposta għall-programm settorjali pluriennali għandha tiġi miftiehma mill-Kumitat Konġunt.

4. Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja għall-appoġġ settorjali għandu jsir abbażi ta' analiżi ddettaljata tal-eżiti tal-appoġġ settorjali u tal-bżonnijiet identifikati matul il-programmazzjoni. L-Unjoni tista' tissospendi parti mill-ħlas ta' din il-kontribuzzjoni finanzjarja speċifika, jew tissospendih kollu kemm hu:

(a) jekk ir-riżultati miksuba ma jkunux konformi mal-programmazzjoni wara evalwazzjoni mwettqa mill-Kumitat Konġunt;

(b) f'każ li din il-kontribuzzjoni finanzjarja ma tintużax f'konformità mal-programmazzjoni maqbula.

Meta jkun beħsiebha tissospendi ħlas, l-Unjoni għandha tibgħat notifika bil-miktub dwar dan mill-inqas 3 xhur qabel id-data meta tkun se tidħol fis-seħħ din is-sospensjoni.

Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja għandu jibda mill-ġdid wara konsultazzjoni bejn il-Partijiet u ftehim bejniethom, jew meta r-riżultati tal-implimentazzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafu 5 jiġġustifikawh.

Fejn dan il-protokoll ikun sospiż f'konformità mal-Artikolu 8, l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja għandu jitnaqqas b'mod proporzjonali u pro rata temporis skont il-perjodu li matulu l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll kienet sospiża.

5. Il-Kumitat Konġunt huwa responsabbli għas-segwitu tal-implimentazzjoni tal-programm ta' appoġġ settorjali pluriennali. Jekk ikun hemm bżonn, wara li jiskadi dan il-Protokoll, iż-żewġ Partijiet għandhom ikomplu dan is-segwitu permezz tal-Kumitat Konġunt sakemm il-kontroparti finanzjarja speċifika marbuta mal-appoġġ settorjali prevista fl-Artikolu 3(2), il-punt (b), tkun intużat kollha.

Artikolu 5

Kooperazzjoni xjentifika

Iż-żewġ Partijiet jintrabtu li jippromwovu l-kooperazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mas-sajd responsabbli, fosthom fil-livell reġjonali, b'mod partikolari fil-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC, North-East Atlantic Fisheries Commission) u fl-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO, Northwest Atlantic Fisheries Organisation), u f'kwalunkwe entità subreġjonali jew internazzjonali oħra kkonċernata. Il-Kumitat Konġunt jista' jikkunsidra kif jiżgura l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd, f'konformità mal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni rilevanti.

Artikolu 6

Sajd sperimentali

Il-partijiet se jikkooperaw, inkluż fil-qafas tal-Artikolu 4, biex jimplimentaw sajd sperimentali sostenibbli għal speċijiet u stokkijiet li mhumiex inklużi fl-Artikolu 2(1) permezz tal-proċess stabbilit fil-Kapitolu VI tal-Anness u mingħajr konsegwenzi għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (a).

Artikolu 7

Opportunitajiet ġodda tas-sajd

1. L-opportunitajiet ġodda tas-sajd huma opportunitajiet tas-sajd għal speċijiet u żoni ta' ġestjoni rispettivi li għandhom jiddaħħlu fl-Artikolu 2(1), dejjem jekk ikun hemm żieda proporzjonali f'dik il-parti tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (a).

2. Meta xi waħda mill-Partijiet tesprimi l-interess tagħha li tinkludi xi opportunità ġdida tas-sajd fl-Artikolu 2(1), il-Kumitat Konġunt għandu jqis dan abbażi tal-liġijiet u r-regolamenti ta' Greenland, tal-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, il-ħtieġa tal-industrija tas-sajd ta' Greenland u tal-approċċ ta' prekawzjoni. Wara dan, l-opportunitajiet il-ġodda tas-sajd għandhom jgħaddu mill-proċess stabbilit fl-Artikolu 2(2) sa (5). Il-Kumitat Konġunt għandu jistabbilixxi wkoll il-prezz ta' referenza għall-ispeċi l-ġdida u t-tariffi għall-awtorizzazzjonijiet li għandhom japplikaw sa ma jiskadi dan il-Protokoll.

Artikolu 8

Sospensjoni ta' dan il-Protokoll u rieżami tal-kontribuzzjoni finanzjarja

1. L-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, inkluż il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja, tista' tiġi sospiża, jew rieżaminata fir-rigward tal-kontribuzzjoni finanzjarja, fuq l-inizjattiva ta' waħda mill-Partijiet taħt waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) meta jkun hemm sitwazzjonijiet, minbarra l-fenomeni naturali, li l-Partijiet b'mod raġonevoli ma jkollhomx kontroll fuqhom u li jkunu tali li ma jippermettux li jsiru attivitajiet tas-sajd fiż-ŻEE ta' Greenland;

(b) fejn, minħabba f'ħekk ikunu saru bidliet sinifikanti fil-linji gwida tal-politika li jkunu wasslu għall-konklużjoni ta' dan il-Protokoll u xi waħda mill-Partijiet titlob li jiġu rieżaminati d-dispożizzjonijiet tiegħu biex dawn ikunu jistgħu jiġu emendati;

(c) fejn ikun inqala' tilwim serju mhux solvut fis-settur tas-sajd bejn il-Partijiet jew relatat mal-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Ftehim; jew

(d) fejn waħda mill-Partijiet taċċerta ksur tad-drittijiet fundamentali kif garantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni (UNDRIP, United Nations Declaration on the Rights of Indigenous Peoples).

Dan il-punt ma għandux japplika jekk il-ksur iseħħ f'qasam ta' responsabbiltà jew ta' kompetenza li fih il-Gvern ta' Greenland, minħabba l-istatus ta' Greenland bħala parti awtonoma mir-Renju tad-Danimarka, ma għandux responsabbiltajiet formali jew kompetenzi formali.

2. L-Unjoni tista' tissospendi l-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja għall-appoġġ settorjali previst fl-Artikolu 3(2), il-punt (b), ta' dan il-Protokoll f'konformità mal-Artikolu 4(4).

3. Meta jkun beħsiebha tissospendi l-applikazzjoni tal-Protokoll inkluż ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja, il-Parti kkonċernata għandha tibgħat notifika bil-miktub dwar dan mill-inqas 3 xhur qabel id-data meta tkun se tidħol fis-seħħ din is-sospensjoni, għajr f'każijiet ta' urġenza speċifika.

4. L-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, inkluż il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja, għandha tibda mill-ġdid ladarba tkun tranġat is-sitwazzjoni wara li jkunu ttieħdu azzjonijiet biex jittaffew iċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafi 1 u wara li jkunu saru konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet u jkun intlaħaq ftehim bejniethom. L-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja għandu jitnaqqas b'mod proporzjonat u pro rata temporis skont iż-żmien li matulu kienet sospiża l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 9

Terminazzjoni

Jekk il-Protokoll jiġi tterminat bil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 17(1) u (2) tal-Ftehim, l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja li għandha titħallas imsemmija fl-Artikolu 3(2) ta' dan il-Protokoll għandu jitnaqqas b'mod proporzjonat u pro rata temporis għas-sena li matulha tidħol fis-seħħ it-terminazzjoni.

Artikolu 10

Liġijiet ur-regolamenti nazzjonali

1. L-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni meta jkunu qed joperaw fiż-ŻEE ta' Greenland għandhom ikunu rregolati mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli fi Greenland u fir-Renju tad-Danimarka mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-bastimenti tal-Unjoni fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, sakemm ma jkunx previst mod ieħor skont il-Ftehim, dan il-Protokoll, u l-Anness tiegħu.

2. L-awtoritajiet ta' Greenland għandhom jgħarrfu lill-Unjoni b'kwalunkwe tibdil jew leġiżlazzjoni ġdida li hi rilevanti għall-bastimenti barranin li jistadu fiż-ŻEE ta' Greenland fiż-żmien dovut qabel ma jidħol fis-seħħ dan it-tibdil jew din il-leġiżlazzjoni l-ġdida. Greenland se tagħmel ħiltha, kull meta jkun possibbli, biex tavża dwar il-bidliet fil-leġiżlazzjoni mill-inqas 3 xhur qabel l-implimentazzjoni.

Artikolu 11

Protezzjoni tad-data

1. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li d-data skambjata skont il-Ftehim tintuża mill-awtorità kompetenti biss għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Ftehim u, b'mod partikolari, għall-finijiet ta' ġestjoni u għall-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tas-sajd.

2. Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jiżguraw li d-data kummerċjalment sensittiva u personali kollha relatata mal-bastimenti tal-Unjoni u mal-attivitajiet tas-sajd tagħhom miksuba fil-qafas tal-Ftehim, kif ukoll l-informazzjoni kummerċjalment sensittiva kollha relatata mas-sistemi ta' komunikazzjoni użati mill-Unjoni, jiġu ttrattati bħala kunfidenzjali. Id-data relatata mal-bastimenti tal-Unjoni u l-attivitajiet tas-sajd tagħhom fil-qafas tal-Ftehim, inkluża d-data personali, tista' tiġi ppubblikata kif meħtieġ mil-liġi nazzjonali rilevanti, speċjalment il-punt 52 fl-Att Nru 29 tat-23 ta' Mejju 2024 dwar is-Sajd maħruġ mill-Inatsisartut (il-Parlament ta' Greenland), biex tiġi żgurata t-trasparenza fir-rigward tal-operazzjonijiet tas-sajd. Tali liġi għandha tapplika b'mod mhux diskriminatorju għall-bastimenti kollha li jistadu fiż-ŻEE ta' Greenland.

3. Id-data personali għandha tiġi pproċessata b'mod legali, ġust u trasparenti fir-rigward tas-suġġett tad-data.

4. Id-data personali skambjata fil-qafas tal-Ftehim għandha tiġi pproċessata f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi 6 tal-Anness ta' dan il-Protokoll. Aktar salvagwardji u rimedji legali fir-rigward tad-data personali u d-drittijiet tas-suġġetti tad-data jistgħu jiġu stabbiliti mill-Kumitat Konġunt.

5. Id-data skambjata fil-qafas tal-Ftehim għandha tkompli tiġi pproċessata f'konformità ma' dan l-Artikolu u l-Appendiċi 6 tal-Annes ta' dan il-Protokoll anki wara l-iskadenza ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 12

Applikazzjoni proviżorja

Dan il-Protokoll għandu japplika b'mod proviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu mill-Partijiet.

Artikolu 13

Tul ta' żmien

Dan il-Protokoll u l-Anness tiegħu għandhom japplikaw għal perjodu ta' 6 snin mid-data tal-bidu tal-applikazzjoni proviżorja tiegħu.

Artikolu 14

Dħul fis-seħħ

Dan il-Protokoll u l-Anness tiegħu għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data meta l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin li lestew il-proċeduri meħtieġa għal dak l-għan.

Artikolu 15

Testi awtentiċi

Dan il-Protokoll għandu jitfassal f'żewġ kopji bil-Bulgaru, bil-Kroat, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bl-Irlandiż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol u bl-Iżvediż, b'kull wieħed minn dawn it-testi awentiku b'mod ugwali.

B'XIEHDA TA' DAN, il-Plenipotenzjarji ffirmati hawn taħt, debitament awtorizzati għal dan il-għan, iffirmaw dan il-Protokoll.

Съставено в Брюксел на дванадесети декември две хиляди двадесет и четвърта година.

Hecho en Bruselas, el doce de diciembre de dos mil veinticuatro.

V Bruselu dne dvanáctého prosince dva tisíce dvacet čtyři.

Udfærdiget i Bruxelles den tolvte december to tusind og fireogtyve.

Geschehen zu Brüssel am zwölften Dezember zweitausendvierundzwanzig.

Kahe tuhande kahekümne neljanda aasta detsembrikuu kaheteistkümnendal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις δώδεκα Δεκεμβρίου δύο χιλιάδες είκοσι τέσσερα.

Done at Brussels on the twelfth day of December in the year two thousand and twenty-four.

Fait à Bruxelles, le douze décembre deux mille vingt-quatre.

Arna dhéanamh sa Bhruiséil, an dóú lá déag de mhí na Nollag sa bhliain dhá mhíle fiche a ceathair.

Sastavljeno u Bruxellesu dvanaestog prosinca godine dvije tisuće dvadeset četvrte.

Fatto a Bruxelles, addì dodici dicembre duemilaventiquattro.

Briselē, divi tūkstoši divdesmit ceturtā gada divpadsmitajā decembrī.

Priimta du tūkstančiai dvidešimt ketvirtų metų gruodžio dvyliktą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-huszonnegyedik év december havának tizenkettedik napján.

Magħmul fi Brussell, fit-tnax-il jum ta' Diċembru fis-sena elfejn u erbgħa u għoxrin.

Gedaan te Brussel, twaalf december tweeduizend vierentwintig.

Sporządzono w Brukseli dnia dwunastego grudnia roku dwa tysiące dwudziestego czwartego.

Feito em Bruxelas, em doze de dezembro de dois mil e vinte e quatro.

Întocmit la Bruxelles la doisprezece decembrie două mii douăzeci şi patru.


V Bruseli dvanásteho decembra dvetisícdvadsaťštyri.

V Bruslju, dvanajstega decembra dva tisoč štiriindvajset.

Tehty Brysselissä kahdentenatoista päivänä joulukuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäneljä.

Som skedde i Bryssel den tolfte december år tjugohundratjugofyra.

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαική Ενωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Thar ceann an Aontais Eorpaigh
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen



За правителството на Гренландия
Por el Gobierno de Groenlandia
Za vládu Grónska
For Naalakkersuisut
Für die Regierung Grönlands
Gröönimaa valitsuse nimel
Για την κυβέρνηση της Γροιλανδίας
For the Government of Greenland
Pour le gouvernement du Groenland
Thar ceann Rialtas na Graonlainne
Za Vladu Grenlanda
Per il governo della Groenlandia
Grenlandes valdības vārdā –
Grenlandijos Vyriausybės vardu
Grönland kormánya részéről
Għall-Gvern ta' Greenlan
Voor de regering van Groenland
W imieniu Rządu Grenlandii
Pelo Governo da Gronelândia
Pentru Guvernul Groenlandei
Za vládu Grónska
Za vlado Grenlandije
Grönlannin hallituksen puolesta
För Grönlands regering



За правителството на Дания
Por el Gobierno de Dinamarca
Za vládu Dánska
For Danmarks regering
Für die Regierung Dänemarks
Taani valitsuse nimel
Για την κυβέρνηση της Δανίας
For the Government of Denmark
Pour le gouvernement du Danemark
Thar ceann Rialtas na Danmhairge
Za Vladu Danske
Per il governo della Danimarca
Dānijas valdības vārdā –
Danijos Vyriausybės vardu
Dánia kormánya részéről
Għall-Gvern tad-Danimarka
Voor de regering van Denemarken
W imieniu Rządu Danii
Pelo Governo da Dinamarca
Pentru Guvernul Danemarcei
Za vládu Dánska
Za Vlado Danske
Tanskan hallituksen puolesta
För Danmarks regering



ANNESS

KUNDIZZJONIJIET LI JIRREGOLAW L-ATTIVITAJIET TAS-SAJD MINN BASTIMENTI TAL-UNJONI SKONT IL-PROTOKOLL TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-FTEHIM TA' SĦUBIJA DWAR IS-SAJD SOSTENIBBLI BEJN L-UNJONI EWROPEA, MIN-NAĦA WAĦDA, U L-GVERN TA' GREENLAND U L-GVERN TAD-DANIMARKA, MIN-NAĦA L-OĦRA

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

1. Ħatra ta' awtorità kompetenti

Għall-finijiet ta' dan l-Anness u sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, "awtorità kompetenti" tfisser:

— għall-Unjoni: Il-Kummissjoni Ewropea,

— għal Greenland: il-Ministeru għas-Sajd u l-Kaċċa.

2. Awtorizzazzjoni tas-sajd tfisser liċenzja maħruġa fir-rigward ta' bastiment tal-Unjoni li tintitolah iwettaq attivitajiet tas-sajd speċifiċi matul perjodu speċifiku, fiż-Żona Ekonomika Esklużiva ta' Greenland kif identifikata fil-paragrafu 3.

3. Żona ta' sajd

3.1. Is-sajd għandu jsir fiż-ŻEE kif previst fir-Regolament Nru 1020 tal-20 ta' Ottubru 2004 f'konformità mad-Digriet Irjali Nru 1005 tal-15 ta' Ottubru 2004 dwar id-Dħul fis-Seħħ tal-Att dwar iż-Żoni Ekonomiċi Esklużivi għal Greenland li jdaħħal fis-seħħ l-Att Nru 411 tat-22 ta' Mejju 1996 dwar iż-Żoni Ekonomiċi Esklużivi.

3.2. Is-sajd għandu jsir mill-inqas 12-il mil nawtiku 'l barra mil-linja bażi f'konformità mal-punt 13, it-Taqsima 2 tal-Att Nru 29 tat-23 ta' Mejju 2024 dwar is-Sajd maħruġ minn Inatsisartut (il-Parlament ta' Greenland).

3.3. Il-linja bażi hija ddefinita f'konformità mad-Digriet Irjali Nru 1004 tal-15 ta' Ottubru 2004 dwar Emenda tad-Digriet Irjali dwar id-Delimitazzjoni tal-Ilmijiet territorjali ta' Greenland.

KAPITOLU II

APPLIKAZZJONI GĦAL AWTORIZZAZZJONIJIET TAS-SAJD U L-ĦRUĠ TAGĦHOM

1. Kundizzjonijiet biex jinkisbu awtorizzazzjonijiet tas-sajd

1.1. Awtorizzazzjoni tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 2 tal-Ftehim tista' tingħata biss lis-sidien tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jkunu fir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni. Sabiex isir sajd taħt l-iskema ta' flessibbiltà għar-redfish pelaġiku, il-bastimenti jridu jiġu nnotifikati wkoll lill-NEAFC f'konformità mar-regoli tagħha. Barra minn hekk, dawn ma għandhomx ikunu fuq kwalunkwe lista tal-IUU ta' bastimenti tal-organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMO, regional fisheries management organisation).

1.2. Biex bastiment ikun eliġibbli, la s-sid, la l-kaptan u lanqas il-bastiment innifsu ma għandhom ikunu pprojbiti milli jistadu fiż-żona tas-sajd ta' Greenland. Huma għandhom ikunu ssodisfaw l-obbligi preċedenti li jirriżultaw mill-Ftehim, inkluż il-kampjunar xjentifiku kif meħtieġ fl-awtorizzazzjonijiet tas-sajd.

2. Applikazzjoni għal awtorizzazzjonijiet tas-sajd

2.1. L-applikazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għandhom jintbagħtu bil-mod li ġej sa ma ż-żewġ Partijiet jimplimentaw sistema ta' liċenzji elettroniċi b'mod konġunt.

2.2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni għandhom iressqu, b'mod elettroniku, l-applikazzjoni (kollettiva) għall-awtorizzazzjoni tas-sajd jew għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastiment wieħed jew iktar li jkun(u) jixtieq(u) jistad (u) skont il-Ftehim lill-awtorità kompetenti ta' Greenland. Tali applikazzjoni għandha ssir fuq il-formola pprovduta fl-Appendiċi 1. Għall-bastimenti tal-Unjoni tal-istess sid jew aġent ta' bastiment, tista' tiġi ppreżentata applikazzjoni kollettiva għal awtorizzazzjoni tas-sajd dment li dawk il-bastimenti jtajru l-bandiera tal-istess Stat Membru.

2.3. Kull applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tas-sajd għandu jkollha magħha prova li tħallset it-tariffa għall-ispeċijiet u għall-kwantitajiet mitlubin, f'konformità mal-paragrafu 7.

2.4. Jekk l-awtorità kompetenti ta' Greenland jidhrilha li xi applikazzjoni ma tkunx kompluta jew li din ma tissodisfax il-kundizzjonijiet mogħtija fil-paragrafi 1, 2.2 u 2.3, din għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti tal-Unjoni malajr kemm jista' jkun bir-raġunijiet għal dan, u fi kwalunkwe każ fi żmien 7 ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi l-applikazzjoni.

3. Ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd

3.1. L-awtorità kompetenti ta' Greenland għandha tibgħat l-awtorizzazzjoni tas-sajd b'mod elettroniku lill-awtorità kompetenti tal-Unjoni fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta titressaq l-applikazzjoni. Dik l-awtorizzazzjoni tas-sajd trażmessa b'mod elettroniku għandu jkollha l-istess valur bħall-oriġinal għall-finijiet tal-Protokoll, dan l-Anness u l-Appendiċijiet tiegħu.

3.2. Kull awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tindika l-kwantità awtorizzata li għandha tinqabad, kif ukoll kwalunkwe limitazzjoni u speċifikazzjoni li tista' tkun applikabbli, inklużi speċijiet, żoni ġeografiċi jew fond. Awtorizzazzjoni tas-sajd maħruġa taħt applikazzjoni kollettiva għandha tindika l-kwantità totali tal-ispeċijiet li għalihom tkun tħallset it-tariffa għall-awtorizzazzjoni tas-sajd.

3.3. L-awtorizzazzjoni tas-sajd, jew kopja tagħha, għandha tinżamm abbord il-ħin kollu u għandha tintwera fuq talba tal-awtorità kompetenti ta' Greenland.

3.4 Awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tinħareġ lil sid wieħed ta' bastiment tas-sajd, u għandha tindika liema bastimenti tas-sajd huma permessi jistadu taħt dik l-awtorizzazzjoni. L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd ma għandhomx ikunu trasferibbli.

3.5. Bastiment jista' jopera biss bl-awtorizzazzjoni jew l-awtorizzazzjonijiet ta' sid wieħed ta' bastiment tas-sajd għal kwalunkwe vjaġġ tas-sajd.

4. Emenda tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd

4.1. Emenda ta' kwalunkwe waħda mill-kwantitajiet jew mill-kundizzjonijiet awtorizzati indikati fl-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tkun soġġetta għal applikazzjoni ġdida.

4.2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4.3, jekk l-emenda ta' awtorizzazzjoni tas-sajd ikollha x'taqsam ma' każijiet fejn il-kwantità li tkun inqabdet tkun iktar mill-kwantità diġà awtorizzata, sid il-bastiment għandu jħallas tariffa li tkun tliet darbiet iktar mill-ammont previst fil-paragrafu 7.1 għall-kwantità li tkun inqabdet li tkun iktar mill-kwantità awtorizzata. Ma tinħareġ l-ebda awtorizzazzjoni tas-sajd ġdida għal dak il-bastiment sakemm jitħallsu t-tariffi kollha li jikkorrispondu għall-kwantitajiet żejda.

4.3. F'każijiet eċċezzjonali fejn l-opportunitajiet tas-sajd tal-Unjoni għall-ispeċijiet rilevanti ma jkunux intużaw, u għall-iskop uniku li tiġi evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd ta' bastiment tal-Unjoni li jkun qed jistad fiż-ŻEE ta' Greenland fuq awtorizzazzjoni tas-sajd skont il-Protokoll, jekk dak il-bastiment aktarx ikun se jaqbeż il-kwantità awtorizzata, l-Istat tal-bandiera għandu jinnotifika minnufih lill-awtorità kompetenti ta' Greenland, b'kopja lill-awtorità kompetenti tal-Unjoni, bl-intenzjoni li jressaq applikazzjoni formali għal awtorizzazzjoni tas-sajd ġdida għal kwantitajiet addizzjonali tal-istess speċi. Il-bastiment għandu jitħalla jkompli jistad sakemm sid il-bastiment jibgħat prova lill-awtorità kompetenti ta' Greenland li tħallsu t-tariffi rilevanti fi żmien 24 siegħa minn meta l-Istat tal-bandiera jibgħat l-avviż tiegħu, u sakemm l-applikazzjoni korrispondenti għal awtorizzazzjoni ġdida tas-sajd tintbagħat lill-awtorità kompetenti ta' Greenland fi żmien 5 ijiem tax-xogħol minn meta l-Istat tal-bandiera jibgħat l-avviż tiegħu, f'konformità mal-proċedura mogħtija fil-paragrafu 2. Jekk ma jitħarsux dawn id-dispożizzjonijiet, il-bastiment għandu jiġi soġġett għall-proċedura mogħtija fil-paragrafu 4.2.

4.4. F'għadd limitat ta' każijiet, fuq talba tal-awtorità kompetenti tal-Unjoni, l-awtorizzazzjoni tas-sajd ta' bastiment tista' tiġi sostitwita b'awtorizzazzjoni tas-sajd ġdida għal bastiment ieħor tal-Unjoni. Is-sostituzzjoni għandha sseħħ abbażi ta' applikazzjoni mressqa mill-awtorità kompetenti tal-Unjoni. L-awtorizzazzjoni tas-sajd il-ġdida għandu jkollha fuqha l-kwantità awtorizzata li tista' tinqabad li tikkorrispondi għall-kwantità tal-ispeċijiet li għalihom ikunu diġà tħallsu t-tariffi għall-awtorizzazzjoni tas-sajd u li minnha tkun tnaqqset kwalunkwe qabda li tkun diġà saret mill-ewwel bastiment.

4.5. Awtorizzazzjoni tas-sajd sostitwita ma għandux jibqa' jkollha effett fil-jum li fih l-awtorizzazzjoni l-ġdida tinħareġ mill-awtorità kompetenti ta' Greenland.

5. Perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd

5.1. L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għandhom ikunu validi mid-data tal-ħruġ sa tmiem is-sena kalendarja li fiha tkun inħarġet l-awtorizzazzjoni tas-sajd.

5.2. Għas-sajd għall-kapelin, l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għandhom jinħarġu skont id-dati miftiehma mill-Istati Kostali fl-arranġamenti qafas tagħhom u f'konformità mal-Artikolu 2(2) u 2(3) tal-Protokoll.

5.3. Jekk il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal sena partikolari għall-bastimenti tal-Unjoni, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti tal-qbid, ma tkunx ġiet adottata sal-bidu tas-sena tas-sajd, il-bastimenti tal-Unjoni awtorizzati jistadu fil-31 ta' Diċembru tas-sena tas-sajd preċedenti jistgħu jirċievu awtorizzazzjoni fis-sena li għaliha ma tkunx ġiet adottata l-leġiżlazzjoni, dment li l-parir xjentifiku jippermetti dak. Għandu jkun permess użu proviżorju ta' 1 minn 12 tal-kwota mogħtija fl-awtorizzazzjoni tas-sajd tas-sena ta' qabel, għal kull xahar, dejjem jekk titħallas it-tariffa għall-awtorizzazzjoni tas-sajd applikabbli għall-kwota. Il-kwota proviżorja tista' tiġi aġġustata skont il-pariri xjentifiċi u l-kundizzjonijiet speċifiċi tas-sajd.

5.4. Il-kwantità mhux użata ta' awtorizzazzjoni tas-sajd għall-gamblu tat-Tramuntana u l-Ħalibatt ta' Greenland tista' tiġi ttrasferita, fuq talba tal-awtorità kompetenti tal-Unjoni, fil-31 ta' Diċembru ta' sena partikolari, għas-sena ta' wara għal massimu ta' 25 % tal-kwantità totali allokata għall-awtorizzazzjoni tas-sajd għas-sena partikolari. Dak l-ammont ma jinkludi l-ebda trasferiment mis-sena preċedenti. Il-kwantitajiet ittrasferiti mhux użati għandhom jiġu ttrasferiti lura għas-sena ta' qabel bħala kwantità tas-sajd mhux utilizzata wara l-31 ta' Diċembru.

6. Sospensjoni ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd u l-istabbiliment mill-ġdid tagħhom

L-awtoritajiet ta' Greenland jistgħu jissospendu l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd previsti f'dan l-Anness f'każ li:

(a) bastiment speċifiku jkun qed jikser b'mod serju l-liġijiet u r-regolamenti ta' Greenland; jew

(b) sid ta' bastiment ma jkunx ħares inġunzjoni maħruġa b'rabta ma' ksur ta' bastiment speċifiku; ladarba titħares l-inġunzjoni, għandha terġa' tiġi stabbilita l-awtorizzazzjoni tas-sajd għall-bastiment għall-perjodu li jkun baqa' tal-awtorizzazzjoni tas-sajd.

7. It-tariffa għall-awtorizzazzjoni tas-sajd, il-ħlas tagħha u r-rifużjoni

7.1. Il-bastimenti tal-Unjoni għandhom iħallsu t-tariffi għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd li ġejjin:

Speċijiet	EUR għal kull tunnellata 2025/2026	EUR għal kull tunnellata 2027/2028	EUR għal kull tunnellata 2029/2030
Bakkaljaw	208	225	252
Redfish pelaġiku	136	147	165
Redfish demersali	136	147	165
Ħalibatt ta' Greenland	321	347	389
Gamblu tat-Tramuntana — fin-naħa tal-Punent	250	270	302
Gamblu tat-Tramuntana — fin-naħa tal-Lvant	188	203	228
Kapelin	23	25	28

7.2. Qabel ma jibda japplika l-Protokoll, l-awtorità kompetenti ta' Greenland għandha tibgħat lill-Unjoni d-dettalji tal-kontijiet bankarji tal-Gvern li s-sidien tal-bastimenti għandhom jużaw għall-ħlasijiet kollha għad-durata tal-Protokoll. L-awtorità kompetenti ta' Greenland għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Unjoni b'kwalunkwe bidla mill-inqas xahrejn qabel.

7.3. Il-ħlas tat-tariffa għandu jinkludi l-imposti nazzjonali u lokali kollha marbutin mal-aċċess għall-attivitajiet tas-sajd, kif ukoll l-imposti mitlubin mill-banek għat-trasferimenti tal-flus. Jekk bastiment ma jkunx ħallas l-imposta għat-trasferiment bankarju, dak l-ammont ikollu jitħallas mal-applikazzjoni li jkun imiss għal awtorizzazzjoni tas-sajd għal dak il-bastiment, u dan il-ħlas għandu jkun prerekwiżit għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni tas-sajd ġdida.

7.4. Jekk ma tinqabadx il-kwantità awtorizzata, it-tariffa li tikkorrispondi għal dik il-kwantità awtorizzata ma titħallasx lura lil sid ta' bastiment.

7.5. Madankollu, jekk jibdew japplikaw jew l-Artikolu 8 jew l-Artikolu 9 tal-Protokoll u b'hekk bastiment ma jkunx jista' jistad għal kwalunkwe parti mill-qabda awtorizzata għal dik is-sena kalendarja, jew jekk applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-sajd ma tiġix aċċettata, l-awtorità kompetenti ta' Greenland għandha tħallas lura t-tariffa kollha għall-awtorizzazzjoni tas-sajd lis-sid tal-bastiment fi żmien 60 jum kalendarju minn meta jintalab il-ħlas lura.

7.6. Ma għandha titħallas l-ebda tariffa għall-awtorizzazzjoni tas-sajd għall-qabdiet aċċessorji.

8. Il-prezzijiet ta' referenza

8.1. Il-prezzijiet ta' referenza għall-ispeċijiet huma dawn li ġejjin:

Speċijiet	Il-prezz tal-piż ħaj f'EUR għal kull tunnellata
Bakkaljaw	3 000
Redfish pelaġiku	1 900
Redfish demersali	1 900
Ħalibatt ta' Greenland	4 960
Gamblu tat-Tramuntana	4 726
Kavalli	PM
Kapelin	400
Grenadier speċi	1 735
Qabdiet Aċċessorji	2 200

8.2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tal-Unjoni lil Greenland fir-rigward tal-kumpens finanzjarju għall-aċċess għaż-ŻEE ta' Greenland, hija bbażata fuq ħlas għall-kwoti ta' 17,5 % tal-prezz ta' referenza għall-opportunitajiet tas-sajd miftiehma għall-ispeċijiet fil-Protokoll.

KAPITOLU III

MIŻURI TEKNIĊI TA' KONSERVAZZJONI

Qabel ma jiġi applikat il-Protokoll b'mod proviżorju, l-awtorità kompetenti ta' Greenland għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Unjoni verżjoni bl-Ingliż tal-leġiżlazzjoni rilevanti ta' Greenland dwar il-miżuri tekniċi ta' konservazzjoni, monitoraġġ, kontroll u sorveljanza.

KAPITOLU IV

MONITORAĠĠ, KONTROLL U SORVELJANZA

Taqsima 1

Reġistrazzjoni u rappurtar

1. L-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni meta jkunu qed joperaw fiż-ŻEE ta' Greenland għandhom ikunu rregolati mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli fi Greenland u fir-Renju tad-Danimarka mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-bastimenti tal-Unjoni fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, sakemm ma jkunx previst mod ieħor skont il-Ftehim, il-Protokoll, dan l-Anness u l-Appendiċijiet tiegħu.

2. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' rappurtar taċ-Ċentru tal-Monitoraġġ tas-Sajd (ĊMS) tal-Istat tal-bandiera tagħhom, il-bastimenti tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu skont il-Ftehim għandhom jikkomunikaw l-obbligi tagħhom ta' reġistrazzjoni u rappurtar b'rabta mal-attivitajiet tas-sajd skont dan il-Ftehim lill-awtorità kompetenti ta' Greenland f'konformità mal-liġi applikabbli ta' Greenland. Mad-dħul fis-seħħ tas-Sistema Elettronika ta' Rappurtar (ERS, Electronic Reporting System), dik se tissostitwixxi d-dispożizzjonijiet ta' rappurtar elettroniku tal-Kapitolu IV, Taqsima 1.

3. Fuq talba tal-awtorità kompetenti ta' Greenland, għandhom jingħataw il-ġurnali ta' abbord bil-miktub rilevanti, skont l-ispeċi fil-mira u l-irkaptu, u dawn għandhom jintbagħtu lir-rappreżentant (lill-aġent) tal-bastiment, kif indikat fil-formola tal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tas-sajd previsti fl-Appendiċi 1. L-awtorità kompetenti tal-Unjoni u ċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera applikabbli għandhom jingħataw ukoll eżempju ta' kull tip ta' ġurnal ta' abbord.

4. Sakemm iż-żewġ Partijiet jimplimentaw ERS, għandhom jintużaw il-miżuri eżistenti għall-ġbir u t-trażmissjoni tad-data dwar il-qabdiet. Il-ġurnali ta' abbord u l-avviżi bil-miktub eżistenti għandhom jimtlew f'konformità mal-liġi ta' Greenland.

Sistema elettronika ta' rappurtar

1. Il-Partijiet jintrabtu li jimplimentaw u jżommu s-sistemi tal-IT meħtieġa biex jiġi żgurat l-iskambju elettroniku tal-informazzjoni kollha relatata mal-implimentazzjoni tal-Ftehim.

2. L-arranġamenti dettaljati dwar l-implimentazzjoni tad-diversi skambji elettroniċi għandhom jiġu definiti u approvati miż-żewġ Partijiet fil-Kumitat Konġunt, b'mod partikolari għar-rappurtar tal-qabdiet permezz tal-ERS u l-proċeduri f'każ ta' ħsara.

3. Il-partijiet jaqblu li l-istandard UN/FLUX (United Nations / Fisheries Language for Universal eXchange) u n-network ta' skambju FLUX TL huma maħsuba li jiġu implimentati għall-iskambju tal-pożizzjonijiet tal-bastimenti, għall-ġurnal ta' abbord elettroniku u possibbilment, fil-futur, għall-ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd.

4. L-ERS għandha tiġi implimentata f'perjodu ta' żmien definit mill-Kumitat Konġunt abbażi tad-dispożizzjonijiet tekniċi li għandhom jiġu definiti. Il-Partijiet għandhom jipproponu lill-Kumitat Konġunt il-perjodu meħtieġ għat-tranżizzjoni u l-implimentazzjoni tal-ERS, filwaqt li jqisu r-restrizzjonijiet tekniċi possibbli.

5. Iż-żewġ Partijiet għandhom jiddefinixxu l-perjodu ta' prova meħtieġ qabel ma tkun tista' ssir tranżizzjoni għall-użu effettiv tal-istandard FLUX. Ladarba dawk il-provi jitlestew b'suċċess, il-Partijiet għandhom jistabbilixxu, malajr kemm jista' jkun, id-data effettiva għat-tranżizzjoni lejn l-ERS.

6. Ladarba s-sistema ERS tkun kompletament funzjonali, bastiment li ma jkunx mgħammar b'sistema ERS ma għandux jiġi awtorizzat li jwettaq attivitajiet tas-sajd skont il-Protokoll.

7. Greenland u l-Unjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin minnufih bi kwalunkwe ħsara fis-sistema tal-IT li tipprevjeni l-komunikazzjoni bejn iċ-ĊMS.

8. Sakemm iż-żewġ Partijiet jimplimentaw b'mod konġunt l-ERS, fi tmiem kull vjaġġ tas-sajd għandha tintbagħat kopja tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd lill-awtorità kompetenti ta' Greenland minnufih wara l-wasla fil-port bil-posta jew bl-email.

Ħatt l-art u trażbord

Il-kaptan tal-bastiment għandu jittrażmetti d-data dwar il-ħatt l-art meħtieġa mill-Ftehim permezz tal-ERS lill-awtorità kompetenti ta' Greenland. Dak għandu jinkludi l-ħatt l-art li jsir f'portijiet barra minn Greenland ta' qabdiet li jkunu nqabdu taħt awtorizzazzjoni tas-sajd ta' Greenland. Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, u sakemm tiġi implimentata s-sistema ERS, il-kaptan għandu jagħmel ħiltu biex jittrażmetti d-data dwar il-ħatt l-art bil-mezzi xierqa kif miftiehem mill-Partijiet.

Taqsima 2

Sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (vms) abbażi ta' satellita

1. Kwalunkwe bastiment tal-Unjoni awtorizzat skont il-Protokoll għandu jkun mgħammar b'sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti abbażi ta' satellita (VMS,vessel monitoring system) installata abbord li tkun kapaċi tittrażmetti b'mod awtomatiku u kontinwu l-pożizzjoni tiegħu lil ĊMS tal-Istat tal-bandiera tiegħu li jkun ibbażat fuq l-art.

2. Is-sistema tal-VMS tal-bastimenti soġġetti għall-monitoraġġ bis-satellita skont il-Protokoll għandha tittrażmetti awtomatikament il-pożizzjonijiet tal-bastimenti liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera tagħhom, li għandu jittrażmettihom minnufih liċ-ĊMS ta' Greenland. Jekk ikun hemm qbil miż-żewġ Partijiet, il-pożizzjonijiet tal-bastimenti għandhom jiġu trażmessi permezz tan-nodu ċentrali tal-Unjoni bl-użu tal-istandard UN/FLUX u n-network ta' skambju FLUX TL ladarba l-perjodi ta' prova miftiehma jkunu tlestew b'suċċess.

3. L-Istat tal-bandiera u l-awtoritajiet ta' Greenland għandhom jagħżlu korrispondent tal-VMS kull wieħed li għandu jaġixxi bħala l-punt ta' kuntatt.

Qabel id-data ta' applikazzjoni tal-Protokoll, iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u ta' Greenland għandhom jikkomunikaw id-dettalji ta' kuntatt (l-awtorità, l-indirizz, it-telefown, il-posta elettronika) tal-korrispondent tal-VMS rispettiv tagħhom. Kwalunkwe emenda fid-dettalji ta' kuntatt tal-korrispondent tal-VMS għandha tiġi nnotifikata minnufih.

4. Il-punti ta' kuntatt tal-VMS għandhom jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti kollha dwar it-tagħmir tal-bastimenti, il-protokolli ta' trażmissjoni u kwalunkwe funzjoni oħra meħtieġa għall-monitoraġġ bis-satellita.

5. L-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-VMS u l-proċeduri f'każ ta' malfunzjonament huma stabbiliti fl-Appendiċi 3.

Taqsima 3

Spezzjoni fuq il-baħar jew fil-port

1. L-ispezzjonijiet fiż-ŻEE ta' Greenland jew fil-portijiet tal-bastimenti tal-Unjoni li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd għandhom jitwettqu minn bastimenti u spetturi ta' Greenland identifikati b'mod ċar f'konformità mal-konvenzjoni internazzjonali u għandhom jitwettqu f'konformità mal-miżuri tal-FAO u kwalunkwe miżura rilevanti tal-Istat tal-Port tal-RFMOs.

2. L-awtorità kompetenti ta' kull parti tista' tistieden rappreżentant mill-parti l-oħra biex josserva spezzjoni.

3. L-awtorità kompetenti ta' kull parti li twettaq spezzjoni internazzjonali fiż-żoni regolatorji tal-NEAFC u tan-NAFO tista' tistieden spetturi mill-parti l-oħra biex jimbarkaw bastiment ta' spezzjoni li jkun qed iwettaq spezzjoni internazzjonali.

Taqsima 4

Skema ta' osservaturi

1. L-attivitajiet tas-sajd fiż-ŻEE ta' Greenland huma soġġetti għall-iskema tal-osservaturi skont il-liġi ta' Greenland. Il-kaptani tal-bastimenti tal-Unjoni li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd biex jistadu fiż-ŻEE ta' Greenland għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti ta' Greenland għall-finijiet tat-tluġħ abbord tal-osservaturi.

2. Is-salarju u l-kontribuzzjonijiet soċjali tal-osservatur għandhom jitħallsu mill-awtoritajiet kompetenti ta' Greenland.

3. Meta jkunu abbord, l-osservaturi għandhom:

   (a) jieħdu l-miżuri xierqa kollha sabiex la jinterrompu u lanqas itellfu l-ħidmiet tas-sajd;

   (b) jirrispettaw il-proprjetà u t-tagħmir abbord; u

   (c) jirrispettaw in-natura kunfidenzjali ta' kull dokument tal-bastiment.

4. L-osservatur għandu jitla' abbord f'port jew f'post speċifiku fuq il-baħar miftiehem bejn l-awtorità kompetenti ta' Greenland u l-kaptan. Jekk l-osservatur ma jasalx għat-tluġħ abbord fi żmien 3 siegħat mid-data u l-ħin stabbiliti, sid il-bastiment għandu jinħeles awtomatikament mill-obbligu tiegħu li jħalli lill-osservatur jitla' abbord u l-bastiment għandu jkun liberu li jitlaq mill-port u jibda l-operazzjonijiet tas-sajd tiegħu.

5. Rapport tal-osservatur

   5.1. Qabel ma jħalli l-bastiment, l-osservatur għandu jippreżenta rapport tal-osservazzjonijiet magħmula mill-osservatur lill-kaptan tal-bastiment. Il-kaptan tal-bastiment għandu jkollu d-dritt li jagħmel kummenti fir-rapport tal-osservatur. Ir-rapport għandhom jiffirmawh l-osservatur u l-kaptan. Il-kaptan għandu jirċievi kopja elettronika tar-rapport tal-osservatur.

   5.2. Meta tasal talba mill-awtorità kompetenti tal-Unjoni jew mill-Istat Membru tal-bandiera, l-awtorità kompetenti ta' Greenland għandha tibgħat kopja tar-rapport tal-osservatur fi żmien 8 ijiem tax-xogħol.

Taqsima 5

Ksur

1. Ksur

   Meta bastiment tal-Unjoni ma jkunx ikkonforma mal-Protokoll, b'mod partikolari mar-rappurtar tal-qabdiet, jitqies bħala ksur serju kif imsemmi fil-paragrafu 6, il-punt (a), tal-Kapitolu II ta' dan l-Anness. L-awtorità kompetenti ta' Greenland hija intitolata tissospendi awtorizzazzjoni tas-sajd eżistenti sakemm jiġu ssodisfati l-obbligi dwar ir-rappurtar tal-qabdiet. Jekk dan ir-reat jerġa jseħħ, l-awtorità kompetenti ta' Greenland tista' tirrifjuta li ġġedded l-awtorizzazzjoni tas-sajd tal-bastiment ikkonċernat. L-awtorità kompetenti tal-Unjoni u l-Istat tal-bandiera għandhom jinżammu infurmati kif xieraq u bla ebda dewmien dwar dan.

2. Trattament tal-ksur

   2.1. Kwalunkwe ksur imwettaq fiż-ŻEE ta' Greenland minn bastiment tas-sajd tal-Unjoni li jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd skont il-Ftehim għandu jissemma f'rapport tal-ispezzjoni.

   2.2. L-iffirmar tar-rapport tal-ispezzjoni min-naħa tal-kaptan għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-kaptan u ta' sid tal-bastiment li jiddefendi ruħu mill-akkuża tal-ksur.

2.3. Għal kwalunkwe ksur imwettaq fiż-ŻEE ta' Greenland minn bastiment tal-Unjoni li jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd skont il-Ftehim, l-avviż tal-ksur iddefinit u s-sanzjonijiet marbutin miegħu imposti fuq il-kaptan jew fuq il-kumpanija tas-sajd għandhom jintbagħtu direttament lis-sidien tal-bastimenti skont il-proċeduri stabbiliti fil-liġi applikabbli ta' Greenland li hija fis-seħħ.

2.4. L-awtorità kompetenti ta' Greenland għandha tibgħat kopja tar-rapport tal-ispezzjoni u tal-avviż tal-ksur lill-awtorità kompetenti tal-Unjoni u lill-awtorità kompetenti tal-Istat tal-bandiera permezz tal-email mill-aktar fis possibbli.

2.5. Meta s-soluzzjoni għall-ksur tkun tinvolvi proċedimenti legali, qabel jingħata bidu għalihom, u sakemm il-ksur ma jkunx jinvolvi att kriminali, għandu jsir sforz biex jinstab ftehim bonarju għall-ksur allegat fi żmien 4 ijiem minn meta jintbagħat l-avviż tal-ksur. Jekk ma jkunx jista' jinstab ftehim bonarju bħal dan, għandhom jinbdew il-proċedimenti legali normali.

3. Detenzjoni ta' bastiment

3.1. Greenland għandha tinnotifika minnufih lill-awtorità kompetenti tal-Unjoni u lill-Istat tal-bandiera b'kwalunkwe detenzjoni ta' bastiment tal-Unjoni li jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd skont il-Ftehim. F'dak l-avviż għandhom jingħataw ir-raġunijiet għad-detenzjoni u miegħu għandha tintbagħat l-evidenza ddokumentata tal-ksur.

3.2. Qabel ma tieħu kwalunkwe miżura oħra kontra l-bastiment tal-Unjoni miżmum, il-kaptan, l-ekwipaġġ jew il-merkanzija tiegħu, ħlief il-miżuri maħsuba biex jipproteġu l-evidenza, Greenland għandha taħtar uffiċjal tal-investigazzjoni u torganizza laqgħa ta' informazzjoni, fuq talba tal-awtorità tal-Unjoni, fi żmien jum tax-xogħol min-notifika tar-raġunijiet għad-detenzjoni tal-bastiment. Rappreżentant tal-Istat tal-bandiera u ta' sid il-bastiment jista' jattendi din il-laqgħa.

4. Pieni għall-ksur

4.1. Il-piena għall-ksur għandha tiġi stabbilita minn Greenland f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli.

4.2. F'każ li jinstab ftehim bonarju, kwalunkwe piena li għandha titħallas għandha tiġi stabbilita billi wieħed jirreferi għal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Greenland applikabbli.

5. Proċediment legali u sigurtà bankarja

5.1. Jekk ftehim bonarju ma jkunx possibbli u l-ksur jitressaq quddiem il-qorti kompetenti, sid il-bastiment tal-Unjoni li jkun wettaq il-ksur għandu jiddepożita garanzija bankarja f'bank magħżul mill-awtorità kompetenti ta' Greenland, li l-ammont tagħha, kif stabbilit mill-awtorità kompetenti ta' Greenland, għandu jkopri l-kostijiet marbuta mad-detenzjoni tal-bastiment tal-Unjoni, il-piena stmata u kwalunkwe kumpens. Il-garanzija bankarja tibqa' marbuta sakemm jintemmu l-proċedimenti ġuridiċi Madankollu, meta l-proċedimenti legali jkunu ilhom għaddejjin għal aktar minn 4 snin, l-awtorità kompetenti ta' Greenland għandha taġġorna regolarment lill-awtorità kompetenti tal-Unjoni u lill-Istat tal-bandiera kkonċernat dwar il-passi li jkunu qed jittieħdu biex jiġu konklużi l-proċedimenti legali.

5.2. Il-garanzija bankarja għandha tiġi rrilaxxata u tingħata lura lil sid tal-bastiment mingħajr dewmien wara li tinqata' s-sentenza:

(a) b'mod sħiħ, jekk ma tkun ġiet imposta l-ebda piena;

(b) sal-bilanċ li jifdal, f'każ li s-sanzjoni twassal għal piena inferjuri għall-garanzija bankarja.

5.3. Il-proċedimenti legali għandhom jinfetħu malajr kemm jista' jkun f'konformità mal-liġijiet nazzjonali.

5.4. L-awtoritajiet ta' Greenland għandhom jgħarrfu lill-Unjoni bir-riżultat tal-proċedimenti legali fi żmien 14-il jum minn meta tinqata' s-sentenza.

6. Ir-rilaxx tal-bastiment u tal-ekwipaġġ

6.1. Il-bastiment tal-Unjoni għandu jiġi awtorizzat iħalli l-port u jkompli jistad ladarba tkun ġiet iddepożitata l-garanzija bankarja, jew ladarba tkun tħallset il-piena jew ikunu ġew issodisfati l-obbligi li joħorġu mill-ftehim bonarju.

KAPITOLU V

IMPRIŻI KONĠUNTI TEMPORANJI

Taqsima 1

Metodu u kriterji għall-valutazzjoni ta' proġetti għal impriżi konġunti temporanji u għal intrapriżi konġuNTI

1. L-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni meta jkunu qed joperaw fiż-ŻEE ta' Greenland għandhom ikunu rregolati mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli fi Greenland u fir-Renju tad-Danimarka minħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-bastimenti tal-Unjoni fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, sakemm ma jkunx previst mod ieħor skont il-Ftehim, il-Protokoll, u l-Anness tiegħu.

2. L-awtoritajiet ta' Greenland għandhom jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tal-Unjoni minnufih jekk tinqala' kwalunkwe opportunità għal impriżi konġunti temporanji jew għal intrapriżi konġunti ma' kumpaniji minn dan il-pajjiż. L-awtorità kompetenti tal-Unjoni għandha tgħarraf lill-Istati Membri kollha tal-Unjonib'dan kif xieraq. Fil-każ li titwaqqaf xi intrapriża konġunta, il-proġetti se jitressqu u jiġu vvalutati f'konformità ma' dan il-Kapitolu.

3. B'applikazzjoni tal-Artikolu 12(2), il-punt (e) tal-Ftehim, l-Unjoni għandha tippreżenta lil Greenland mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 10 ijiem ta' xogħol qabel il-laqgħa tal-Kumitat Konġunt dossier tekniku għall-proġetti għal impriżi konġunti temporanji u intrapriżi konġunti li jinvolvu operaturi tal-Unjoni. Il-proġetti għandhom jiġu sottomessi lill-awtorità kompetenti tal-Unjoni mill-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-Unjoni kkonċernati.

4. Bħala prijorità, il-Kumitat Konġunt għandu jinkoraġġixxi l-użu sħiħ tal-kwoti indikattivi għall-ispeċijiet imniżżlin fl-Artikolu 2(1) tal-Protokoll mill-bastimenti tal-Unjoni. Għall-ispeċijiet li għalihom il-Kumitat Konġunt ikun qabel dwar livell iktar baxx ta' opportunitajiet annwali tas-sajd minn dak indikat fl-Artikolu 2(1) tal-Protokoll, minħajr ma dan kien iġġustifikat abbażi tal-pariri xjentifiċi, ma għandhomx jitqiesu proġetti għal impriżi konġunti temporanji u għal intrapriżi konġunti għall-istess speċi u għall-istess sena kalendarja.

5. Il-Kumitat Konġunt għandu jivvaluta l-proġetti f'konformità mal-kriterji li ġejjin:

   (a) l-ispeċijiet fil-mira u ż-żoni tas-sajd;

   (b) il-qagħda tal-istokkijiet abbażi tal-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli u tal-approċċ ta' prekawzjoni;

   (c) id-dettalji tal-bastimenti u t-teknoloġija adattata għall-operazzjonijiet tas-sajd proposti;

   (d) fil-każ ta' impriżi konġunti temporanji, id-durata totali u dik tal-attivitajiet tas-sajd; u

   (e) l-esperjenza preċedenti li sid il-bastiment u sieħeb sid il-bastiment għandhom fil-qasam tas-sajd.

6. Il-Kumitat Konġunt għandu joħroġ opinjoni dwar il-proġetti wara li ssir il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 5.

7. Għall-ispeċijiet elenkati fl-Artikolu 2(1) tal-Protokoll, il-qabdiet li jsiru mill-bastimenti tal-Unjoni fil-qafas ta' impriżi konġunti temporanji jew intrapriżi konġunti għandhom ikunu minħajr preġudizzju għall-arranġamenti eżistenti ta' kondiviżjoni fost l-Istati Membri tal-Unjoni.

Taqsima 2

Kundizzjonijiet marbutin mal-aċċess fil-qafas tal-impriżi konġunti temporaNJI

1. Awtorizzazzjonijiet tas-sajd

   1.1. Fil-każ ta' impriżi konġunti temporanji, ladarba proġett ikun irċieva opinjoni favorevoli mill-Kumitat Konġunt, il-bastimenti tal-Unjoni kkonċernati għandhom japplikaw għal awtorizzazzjoni tas-sajd f'konformità mal-Kapitolu II. Fuq l-applikazzjoni għandu jiġi indikat b'mod ċar li hija għandha x'taqsam ma' impriża konġunta temporanja.

   1.2. L-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tinħareġ għad-durata tal-impriża konġunta temporanja iżda fi kwalunkwe każ, għal durata li ma tkunx itwal mis-sena kalendarja.

   1.3. Fuq l-awtorizzazzjoni tas-sajd għandu jiġi indikat b'mod ċar li l-qabdiet se jsiru abbażi ta' opportunitajiet tas-sajd allokati mill-awtoritajiet ta' Greenland fil-limiti tat-TACs ta' Greenland rispettivi iżda li ma jidħlux fl-opportunitajiet tas-sajd mogħtija skont l-Artikolu 2(1) tal-Protokoll.

2. Sostituzzjoni ta' bastimenti

   Bastiment tal-Unjoni li jkun qed jistad fi ħdan impriża konġunta temporanja jista' jiġi sostitwit b'bastiment ieħor tal-Unjoni li jkollu kapaċità u speċifikazzjonijiet tekniċi simili għalih biss għal raġunijiet iġġustifikati kif xieraq u bil-qbil tal-Partijiet.

Taqsima 3

Arranġamenti għat-trasferiment tal-kwota tal-gamblu tat-tramuntana bejn id-detenturi tal-awtorizzazzjONI

1. Arranġamenti għat-trasferiment

1.1. Is-sidien tal-bastimenti minn Greenland u l-Unjoni jistgħu jistabbilixxu, fuq bażi ta' kumpanija, arranġamenti għall-iskambju ta' kwoti tal-opportunitajiet tas-sajd għall-gamblu tat-Tramuntana fis-subżoni II, V, XII u XIV tal-ICES ma'opportunitajiet tas-sajd għall-gamblu tat-Tramuntana fis-subżona 1 tan-NAFO.

1.2. L-awtoritajiet ta' Greenland għandhom jintrabtu li jiffaċilitaw it-tali arranġamenti hekk kif jirċievu talba mill-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni f'isem l-Istati Membri tal-Unjoni kkonċernati.

1.3. L-ammont massimu annwali li għandu jiġi ttrasferit għandu jkun ta' 2 000 tunnellata, dejjem skont il-pariri xjentifiċi.

1.4. Il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jistadu bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk previsti fil-każ ta' awtorizzazzjoni tas-sajd maħruġa lil sid ta' bastiment minn Greenland, dejjem skont id-dispożizzjonijet tal-Kapitolu II.

KAPITOLU VI

SAJD SPERIMENTALI

1. B'applikazzjoni tal-Artikolu 11 u tal-Artikolu 12(2), il-punt (f) tal-Ftehim, meta l-awtorità kompetenti tal-Unjoni tkun esprimiet l-interess tagħha lil Greenland li twettaq sajd sperimentali għal speċijiet u stokkijiet li mhumiex imniżżlin fl-Artikolu 2(1) tal-Protokoll:

1.1. L-awtorità kompetenti tal-Unjoni għandha tibgħat lil Greenland, sa mhux aktar tard minn 15-il jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat Konġunt, dossiers tekniċi li jispeċifikaw:

(a) l-ispeċijiet li għandhom jiġu mmirati;

(b) proposta għall-parametri tekniċi tal-kampanja (it-teknoloġija li trid tintuża għall-attività, id-durata, iż-żoni tas-sajd eċċ.);

(c) benefiċċji li mistennija jkun hemm għar-riċerka xjentifika u għall-iżvilupp tal-qasam tas-sajd permezz tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni fil-kampanja sperimentali;

(d) valutazzjoni tal-impatti potenzjali tal-attivitajiet tas-sajd ippjanati tal-bastimenti li juru li attivitajiet bħal dawn aktarx ma jkollhomx impatti negattivi sinifikanti fuq l-ekosistemi vulnerabbli tal-baħar.

1.2. Greenland għandha tinfurma lill-Kumitat Konġunt dwar:

(a) id-dettalji u l-kundizzjonijiet tal-kampanji tas-sajd sperimentali rilevanti mwettqin minn bastimenti domestiċi u ta' pajjiżi terzi;

(b) ir-riżultati ta' kwalunkwe kampanja sperimentali preċedenti għall-istess speċi; u

(c) informazzjoni xjentifika eżistenti u informazzjoni oħra.

2. Il-Kumitat Konġunt għandu jivvaluta d-dossiers tekniċi filwaqt li jqis kif xieraq l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli u l-approċċ ta' prekawzjoni.

3. Wara opinjoni pożittiva mill-Kumitat Konġunt dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni, il-livell tagħha u l-parametri tekniċi tal-kampanja tas-sajd sperimentali, il-bastimenti tal-Unjoni għandhom iressqu l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II. L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd ma għandhomx jaqbżu tmiem is-sena kalendarja.

4. Id-dispożizzjonijiet kollha tal-Kapitolu IV għandhom japplikaw għall-bastimenti tal-Unjoni li jkunu qed iwettqu sajd sperimentali.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, matul il-kampanja sperimentali fuq il-baħar, il-bastimenti tal-Unjoni kkonċernati għandhom:

(a) jinnotifika lill-awtorità kompetenti ta' Greenland li jkunu bdew il-kampanja u jibagħtulha dikjarazzjoni ta' kwalunkwe qabda li jkollhom abbord qabel ma jinbeda s-sajd sperimentali;

(b) jibagħtu, ta' kull ġimgħa, rapport dwar il-qabdiet li jkunu saru kuljum u għal kull refgħa lill-Istitut tar-Riżorsi Naturali ta' Greenland, lill-awtorità kompetenti ta' Greenland u lill-Kummissjoni Ewropea, li jkun jinkludi deskrizzjoni tal-parametri tekniċi tal-kampanja (il-pożizzjoni, il-fond, id-data u l-ħin, il-qabdiet u osservazzjonijiet jew kummenti oħrajn);

(c) jiżguraw li abbord ikun hemm osservatur wieħed minn Greenland jew osservatur magħżul mill-awtorità kompetenti ta' Greenland; l-osservatur għandu jiġi ttrattat bħala uffiċjal tal-bastiment, u sid il-bastiment għandu jkopri l-kostijiet tal-għajxien tal-osservatur għal kemm idum abbord il-bastiment; l-awtoritajiet ta' Greenland għandhom jiddeċiedu dwar iż-żmien li l-osservatur iqatta' abbord, dwar kemm għandu jdum abbord l-osservatur u dwar il-portijiet tal-imbark u tal-iżbark tiegħu; u

(d) jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti ta' Greenland li jkunu temmew il-kampanja sperimentali u jissottomettu l-bastimenti għal spezzjoni qabel ma joħorġu miż-ŻEE ta' Greenland jekk l-awtorità kompententi ta' Greenland titlob dan.

6. Il-qabdiet li jkunu konsistenti mal-kampanja sperimentali u li jkunu nkisbu matulha jibqgħu l-proprjetà ta' sid il-bastiment.

7. L-awtorità kompetenti ta' Greenland għandha taħtar persuna ta' kuntatt li tkun inkarigata tittratta kwalunkwe problema mhux prevista li tista' tinqala li tista' ttellef l-iżvilupp tas-sajd sperimentali.

8. Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-entitajiet konsultattivi xjentifiċi rilevanti, Greenland tista' titlob li jiġu implimentati miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni b'rabta mas-sajd sperimentali, inkluż l-għeluq ta' żoni u ta' żmien.

9. Il-bastimenti tal-Unjoni kkonċernati għandhom jippreżentaw liż-żewġ Partijiet, sa mhux aktar tard minn 30 jum wara l-konklużjoni tas-sajd sperimentali, rapport ta' evalwazzjoni li jindirizza bħala minimu:

(a) jekk is-sajd ikunx sar skont il-parametri tekniċi proposti; u

(b) jekk il-benefiċċji mistennija għar-riċerka xjentifika u l-iżviluppi tas-settur tas-sajd kif speċifikat fid-dossiers tekniċi ġewx issodisfati, u, jekk le, għaliex;

(c) jekk il-bastiment iltaqa' ma' problemi mhux previsti, inklużi qabdiet aċċessorji;

(d) jekk il-bastiment ikunx aderixxa mal-paragrafu 5 u, jekk le, dak irid jiġi ġġustifikat kif xieraq.

10. Meta l-Partijiet jikkonkludu li sajd sperimentali jkun kiseb riżultati pożittivi u jekk il-Kumitat Konġunt jistabbilixxi opportunitajiet tas-sajd ġodda f'konformità mal-Artikolu 2(2), tal-Artikolu 2(4) u tal-Artikolu 7 tal-Protokoll, l-awtoritajiet ta' Greenland jistgħu joffru opportunitajiet tas-sajd proporzjonati għall-użu relattiv tal-kwota mill-bastimenti tal-Unjoni li jkunu pparteċipaw fis-sajd sperimentali fil-5 snin preċedenti. Il-kwantità allokata lill-Unjoni ma tistax taqbeż il-50 % sakemm Greenland ma tiddeċidix li toffri aktar. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika sakemm jiskadi l-Protokoll.

APPENDIĊIJIET TA' DAN L-ANNESS

Appendiċi 1 – Formola tal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għas-sajd

Appendiċi 2 – Dettalji ta' kuntatt għall-awtoritajiet kompetenti ta' Greenland

Appendiċi 3 – Proċeduri ta' implimentazzjoni tal-monitoraġġ abbażi ta' satellita (sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti — VMS)

Appendiċi 4 – Format tad-data tal-VMS

Appendiċi 5 – Skema ta' flessibbiltà fis-sajd għar-redfish pelaġiku bejn l-ilmijiet ta' Greenland u tal-NEAFC

Appendiċi 6 – Ipproċessar tad-data personali

Appendiċi 1

FORMOLA TAL-APPLIKAZZJONI GĦAL AWTORIZZAZZJONI TAS-SAJD

Formola tal-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tas-sajd fiż-ŻEE ta' Greenland u dwar il-kwota ta' Greenland barra miż-ŻEE ta' Greenland

		O/F/K (obbligatorju/ fakultattiv/ kundizzjonali)	
Dettalji tal-liċenzja			
1	Tip ta' liċenzja għall-applikazzjoni (speċijiet u żona)	O	
2	Kwantità fl-applikazzjoni	O	
3	Perjodu taż-żmien għal awtorizzazzjoni tas-sajd	O	
4	L-indirizz fejn għandha tintbagħat l-applikazzjoni għal-l-awtorizzazzjoni tas-sajd		Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Generali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, Rue de la Loi 200, B-1049 Brussell, fax + 32 2 2962338 email Mare-licences@ec.europa.eu
Informazzjoni dwar il-bastiment			
5	L-Istat tal-bandiera	O	
6	Isem tal-bastiment	O	
7	Ittri u numru esterni tal-identifikazzjoni	O	
8	Sinjal Internazzjonali tas-sejħa bir-radju (IRCS, International Radio call Sign)	O	
9	Numru tal-IMO	K	Jekk il-bastiment ikun ġie assenjat numru tal-IMO
10	Numru ta' referenza intern tal-istat tal-bandiera	F	
11	Sena ta' kostruzzjoni	O	
12	Port ta' reġistrazzjoni	O	
13	Tip ta' bastiment (Kodiċi FAO)	O	
14	Tip primarju ta' rkaptu tas-sajd (Kodiċi FAO)	O	
15	L-isem/ismijiet preċedenti (l-Istat tal-bandiera, l-isem, l-IRCS, u d-dati għall-bidla)	K	Jekk teżisti informazzjoni preċedenti
16	Numru tal-inmarsat/numru tal-Iridium (telefown, email)	K	Telefown, email fakultattiv
17	Sidien, indirizz tal-persuna fiżika jew ġuridika, telefown, fax, email	K	Fax fakultattiv
18	Ir-rappreżentant (l-aġent) tal-bastiment, l-isem u l-indirizz	O	

		O/F/K (obbligatorju/ fakultattiv/ kundizzjonali)	
19	Potenza tal-magna (kilowatt)	O	
20	Tul (L.O.A., Length Overall)	O	
21	Tunnellaġġ f'GT	O	
22	Kapaċità tal-iffriżar f'tunnellati kuljum	O	
23	Kapaċità ta' tankijiet tal-ilma baħar refriġerati (RSW, Refrigerated Sea Water) jew tankijiet tal-ilma baħar imkessħa (CSW, Chilled SeaWater) f'metri kubi	O	
24	Ritratt diġitali bil-kulur tal-bastiment, li jkollu riżoluzzjoni adegwata (mass. 0,5 MB) u li jkun juri l-ġenb tal-bastiment fid-dettall, inkluż l-isem tal-bastiment u n-numru ta' identifikazzjoni tiegħu li jidhru fuq il-buq.	O	

Appendiċi 2

DETTALJI TA' KUNTATT TAL-AWTORITAJIET KOMPETENTI TA' GREENLAND

Trażmissjoni tar-rapporti u l-avviżi

Ir-rapporti u l-avviżi li għandhom jingħataw skont il-Kapitolu IV, Taqsima 1, tal-Anness għandhom jintbagħtu bil-Greenlandiż, bid-Daniż jew bl-Ingliż.

L-avviżi għandhom jintbagħtu bir-radju kostali jew bl-email lill-Awtorità ta' Kontroll tal-Liċenzji tas-Sajd ta' Greenland (GFLK, Greenland Fishing License Control Authority) u lill-Kmand Konġunt tal-Artiku (AKO, Joint Arctic Command):

GFLK, nru tat-telefown + 299 34 50 00,
Email: GFLK@NANOQ.GL
AKO, nru tat-telefown + 299 364000,
Email: FKO-KTP-A-FIO@FIIN.DK

Il-ġurnali ta' abbord tas-sajd għandhom jintbagħtu fl-indirizz li ġej:

Greenland Fishing License Control Authority (GFLK)
P.O. Box 501, 3900 Nuuk, Greenland
L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-sajd u għal permessi oħra għandha tiġi kkomunikata lil:
Il-Ministeru għas-Sajd u l-Kaċċa
Email: APN@NANOQ.GL

Appendiċi 3

PROĊEDURI TA' IMPLIMENTAZZJONI GĦALL-MONITORAĠĠ ABBAŻI TA' SATELLITA (SISTEMA TA' MONITORAĠĠ TAL-BASTIMENTI — VMS)

1. Messaġġi dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti – il-VMS

1.1. Il-bastimenti tal-Unjoni li jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd maħruġa skont il-Ftehim u li jkunu qed jistadu fiż-żona tas-sajd ta' Greenland jew li jkunu qed jistadu għal kwoti ta' Greenland fl-ilmijiet taż-żoni tal-NEAFC (kif stabbilit fl-Appendiċi 5) iridu jkunu mgħammra b'apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita (sistema għall-monitoraġġ tal-bastimenti — VMS) li jkun qed jiffunzjona għalkollox u li jkun installat abbord il-bastiment u jkun kapaċi jibgħat il-pożizzjoni tagħhom b'mod awtomatiku u kontinwu tal-inqas darba fis-siegħa waqt li jkunu preżenti fiż-żona tas-sajd liċ-ċentru tal-monitoraġġ tas-sajd (ĊMS) tal-Istat tal-bandiera tagħhom li jkun jinsab fuq l-art.

1.2. Meta bastiment li jkun qed jistad skont il-Ftehim u jkun soġġett għal-lokalizzazzjoni permezz tas-satellita skont il-Protokoll jidħol fiż-żona tas-sajd, ir-rapporti dwar il-pożizzjoni għandhom jiġu kkomunikati immedjatament miċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera liċ-ĊMS ta' Greenland. Jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu, ir-rapporti kollha dwar il-pożizzjoni għandhom jiġu trażmessi permezz tan-nodu ċentrali tal-Unjoni. Ladarba ż-żewġ partijiet ikunu qalbu għal UN/FLUX, il-pożizzjonijiet tal-VMS jiġu trażmessi permezz tal-Istat tal-bandiera u permezz tan-network FLUX TL imħaddem mill-Kummissjoni Ewropea. Dawk il-messaġġi għandhom jintbagħtu kif ġej:

(a) bl-użu elettroniku ta' protokoll ta' skambju sigur;

(b) meta jidħlu u joħorġu miż-żona tas-sajd

(c) fil-format indikat fl-Appendiċi 4.

1.3. Kull messaġġ dwar il-pożizzjoni għandu jinkludi:

(a) l-identifikazzjoni tal-bastiment;

(b) il-pożizzjoni ġeografika l-aktar reċenti tal-bastiment b'marġni ta' errur ta' inqas minn 500 metru, u b'intervall ta' kunfidenza ta' 99 %;

(c) id-data u l-ħin f'UTC li tiġi rreġistrata l-pożizzjoni;

(d) il-veloċità u r-rotta istantanja tal-bastiment fil-ħin li tiġi rreġistrata l-pożizzjoni.

1.4. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jiżgura l-ipproċessar awtomatiku u t-trażmissjoni elettronika tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni. Il-messaġġi dwar il-pożizzjoni għandhom jiġu rreġistrati b'mod sigur u maħżuna f'bażi tad-data għas-sena attwali u għas-sena ta' qabel. Madankollu, f'każ ta' restrizzjonijiet tekniċi, dan il-perjodu jista' jitqassar bi ftehim reċiproku.

1.5. Il-komponenti tal-hardware u tas-software tal-VMS għandhom ikunu reżistenti għat-tbagħbis, jiġifieri, ma għandhomx jippermettu l-input jew l-output ta' pożizzjonijiet foloz u ma għandhomx ikunu jistgħu jiġu megħluba manwalment. Is-sistema għandha tkun awtomatika għalkollox u operazzjonali l-ħin kollu, irrispettivament mill-kundizzjonijiet ambjentali. Għandu jiġi pprojbit li wieħed ikisser l-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita, li jagħmillu l-ħsara, li ma jħallihx fi stat operattiv jew li jbagħbsu mod ieħor.

1.6. Meta jkun mitlub jew meħtieġ, il-Partijiet jaqblu, għal finijiet ta' monitoraġġ u spezzjoni, li jiskambjaw informazzjoni dwar it-tagħmir użat.

2. Ħsara teknika jew ħsara li jaffettwaw l-apparat ta' monitoraġġ abbord il-bastiment

2.1. Fil-każ ta' kwalunkwe ħsara teknika jew ħsara li taffettwa l-apparat użat għall-monitoraġġ kontinwu bis-satellita installat abbord il-bastiment tas-sajd, l-awtoritajiet ta' Greenland u tal-Unjoni jridu jkunu infurmati minnufih mill-Istat tal-bandiera.

2.2. It-tagħmir difettuż irid jiġi sostitwit jew imsewwi mill-ewwel port ta' waqfa fejn is-servizz ikun disponibbli u mill-inqas fi żmien 30 jum tax-xogħol minn meta l-Istat tal-bandiera jkun għarraf liċ-ĊMS ta' Greenland. Wara dan il-perjodu, il-bastiment inkwistjoni jrid ikun daħal f'port deżinjat mill-awtoritajiet ta' Greenland għal segwitu regolatorju u tiswija, jew jitlaq miż-żona sakemm l-Istat tal-bandiera ma jkunx bagħat ir-rapport ta' spezzjoni dwar l-apparat difettuż liċ-ĊMS ta' Greenland u infurmah bir-raġunijiet li wasslu għall-ħsara.

2.3. Sakemm it-tagħmir jissewwa jew jinbidel, il-kaptan tal-bastiment għandu jibgħat rapport tal-pożizzjoni globali manwalment kull 4 sigħat bil-posta elettronika, bir-radju jew bil-fax liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera, fejn jiddikjara l-pożizzjonijiet irreġistrati mill-kaptan tal-bastiment bil-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.2.

2.4. Messaġġi manwali kif imsemmija fil-paragrafu 2.3 ta' dan l-Appendii għandhom jiġu rreġistrati immedjatament miċ-ĊPS tal-Istat tal-bandiera fil-bażi tad-data msemmija fil-paragrafu 1.4 ta' dan l-Appendiċi u trażmessi minnufih miċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera liċ-ĊMS ta' Greenland, bl-użu tal-istess protokoll u format kif stabbilit fl-Appendiċi 4.

2.5. Wara l-perjodu msemmi fil-paragrafu 2.2, il-bastiment ma għandux jibqa' awtorizzat iwettaq attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd ta' Greenland.

3. Komunikazzjoni sigura tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni bejn iċ-ĊMS

3.1. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jibgħat b'mod awtomatiku l-messaġġi dwar il-pożizzjoni tal-bastimenti kkonċernati liċ-ĊMS ta' Greenland.

3.2. Iċ-ĊMS taż-żewġ Partijiet għandhom jiskambjaw il-koordinati tagħhom, eż. l-indirizzi tal-email, il-fax, it-teleks u t-telefown, u għandhom jgħarrfu minnufih lil xulxin b'kwalunkwe tibdil f'dawn il-koordinati.

3.3. Mingħajr preġudizzju għall-implimentazzjoni ta' titjib fil-ġejjieni, it-trażmissjoni tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni bejn iċ-ĊMS ikkonċernati u l-Istati tal-bandiera għandha ssir b'mod elettroniku permezz tal-protokoll HTTPS. L-iskambju taċ-ċertifikati għandu jseħħ bejn l-awtoritajiet ta' Greenland u ċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera rilevanti.

3.4. Id-data tal-VMS se tintuża skont l-Artikolu 11 tal-Protokoll.

4. Ħsarat fis-sistema tal-komunikazzjoni

4.1. L-awtorità kompetenti ta' Greenland u ċ-ĊMS tal-Istati tal-bandiera tal-Unjoni għandhom jiżguraw li t-tagħmir elettroniku tagħhom ikun kompatibbli u għandhom jgħarrfu lil xulxin minnufih b'kwalunkwe funzjonament ħażin fil-komunikazzjoni u l-wasla tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni bl-għan li tinstab soluzzjoni teknika mill-aktar fis possibbli.

4.2. In-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn iċ-ĊMS ma għandux jaffettwa l-operat tal-bastimenti.

4.3. Il-messaġġi kollha li ma jiġux trażmessi waqt li s-sistema ma tkunx qed taħdem, għandhom jintbagħtu malli terġa' tiġi stabbilita l-komunikazzjoni bejn iċ-ĊMS ikkonċernati.

5. Manutenzjoni ta' ĊMS

5.1 Manutenzjoni ppjanata ta' ĊMS (programm ta' manutenzjoni) li tista' taffettwa l-iskambju ta' data tal-VMS għandha tiġi nnotifikata liċ-ĊMS l-ieħor mill-inqas 72 siegħa qabel, filwaqt li jiġu indikati, fejn possibbli, id-data u t-tul ta' żmien tal-ħidma ta' manutenzjoni. Għall-operazzjonijiet ta' manutenzjoni li ma jkunux ippjanati, din l-informazzjoni għandha tintbagħat liċ-ĊMS l-ieħor mill-aktar fis possibbli.

5.2 Matul il-ħidma ta' manutenzjoni, id-disponibbiltà tad-data tal-VMS tista' titpoġġa fi stat ta' stennija sakemm is-sistema terġa' ssir operazzjonali. Id-data tal-VMS rilevanti għandha tintbagħat immedjatament wara li jintemm ix-xogħol ta' manutenzjoni.

5.3 Jekk ix-xogħol ta' manutenzjoni jieħu aktar minn 24 siegħa, id-data tal-VMS għandha tintbagħat liċ-ĊMS l-ieħor permezz ta' mezz alternattiv ta' komunikazzjoni elettronika miftiehem b'mod reċiproku.

5.4 Greenland għandha tavża lill-awtoritajiet kompetenti ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza (MCS, monitoring, control and surveillance) tagħha sabiex iċ-ĊMS tagħha ma jqisx li l-bastimenti tal-Unjoni qed jiksru l-obbligi tagħhom minħabba li ma jkunux qed jittrażmettu d-data tal-VMS minħabba operazzjoni ta' manutenzjoni ta' ĊMS.

6. Reviżjoni tal-frekwenza tal-messaġġi dwar il-pożizzjoni

6.1 Abbażi ta' evidenza dokumentata li turi ksur, Greenland tista' titlob liċ-ĊMS tal-istat tal-bandiera, filwaqt li tibgħat kopja wkoll lill-Unjoni, ħalli tnaqqas l-intervall biex il-bastiment jibgħat il-messaġġi dwar il-pożizzjoni tiegħu għal kull 30 minuta għal perjodu partikolari tal-investigazzjoni. Greenland għandha tibgħat din l-evidenza dokumentata lill-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u lill-Unjoni. Iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jibgħat minnufih il-messaġġi dwar il-pożizzjoni lil Greenland bil-frekwenza l-ġdida.

6.2 Fi tmiem il-perjodu stabbilit tal-investigazzjoni, Greenland għandha tinforma liċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera u lill-Unjoni b'kwalunkwe segwitu li jista' jkun meħtieġ.

Appendiċi 4

TAQSIMA 1 — FORMAT NAF VMS (*)

Format tad-data tal-VMS

Format għal komunikazzjoni ta' messaġġi tal-VMS liċ-ĊMS tal-Parti l-oħra

(1) Messaġġ ta' "ENTRY" (DĦUL)

Element tad-Data:	Kodiċi tal-Qasam:	Obbligatorji/Fakultattivi:	Osservazzjonijiet:
Bidu tar-Reġistrazzjoni	BR	O	Dettall tas-sistema; tindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Indirizz	IN	O	Dettall tal-messaġġ; Parti destinatarja kodiċi tal-pajjiż ALPHA-3 ISO
Minn	MI	O	Dettall tal-messaġġ; Parti trażmittenti kodiċi tal-pajjiż ALPHA-3 ISO
Numru tar-Reġistrazzjoni	NR	F	Dettall tal-messaġġ; in-numru tas-serje tar-reġistrazzjoni fis-sena rilevanti
Data tar-Reġistrazzjoni	DR	F	Dettall tal-messaġġ; data tat-trażmissjoni
Ħin tar-Reġistrazzjoni	ĦR	F	Dettall tal-messaġġ; ħin tat-trażmissjoni
Tip ta' Messaġġ	TM	O	Dettall tal-messaġġ; tip ta' messaġġ, "ENT"
Sinjal tas-Sejħa bir-Radju	SR	O	Dettall tal-bastiment; kodiċi internazzjonali tas-sinjal tas-sejħa bir-radju tal-bastiment
Numru ta' Referenza Intern	RI	O	Dettall tal-bastiment. In-numru uniku tal-bastiment tal-Parti bħala l-kodiċi tal-pajjiż tal-bandiera ALPHA-3 ISO segwit minn numru
Numru tar-Reġistrazzjoni Estern	RE	F	Dettall tal-bastiment; in-numru tal-ġenb tal-bastiment
Latitudni	LT	O	Dettall tal-pożizzjoni; pożizzjoni ± 99.999 (WGS-84)
Longitudni	LĠ	O	Dettall tal-pożizzjoni; pożizzjoni ± 999.999 (WGS-84)
Veloċità	VE	O	Dettall tal-pożizzjoni; Il-veloċità tal-bastiment f'1 minn kull 10 mili nawtiċi
Rotta	RO	O	Dettall tal-pożizzjoni; Rotta tal-bastiment fuq skala ta' 360º
Data	DA	O	Dettall dwar il-pożizzjoni; Id-data f'UTC tal-pożizzjoni (SSSSXXJJ)
Ħin	ĦI	O	Dettall dwar il-pożizzjoni; Il-ħin f'UTC tal-pożizzjoni (SSMM)
Tmiem tar-Reġistrazzjoni	TR	O	Dettall tas-sistema; jindika tmiem tar-reġistrazzjoni

(2) Messaġġ/rapport dwar il-"POSITION" (POŻIZZJONI)

Element tad-Data:	Kodiċi tal-Qasam:	Obbligatorji/Fakultattivi:	Osservazzjonijiet:
Bidu tar-Reġistrazzjoni	BR	O	Dettall tas-sistema; tindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Indirizz	IN	O	Dettall tal-messaġġ; Parti destinatarja kodiċi tal-pajjiż ALPHA-3 ISO
Minn	MI	O	Dettall tal-messaġġ; Parti trażmittenti kodiċi tal-pajjiż ALPHA-3 ISO
Numru tar-Reġistrazzjoni	NR	F	Dettall tal-messaġġ; in-numru tas-serje tar-reġistrazzjoni fis-sena rilevanti
Data tar-Reġistrazzjoni	DR	F	Dettall tal-messaġġ; data tat-trażmissjoni
Ħin tar-Reġistrazzjoni	ĦR	F	Dettall tal-messaġġ; ħin tat-trażmissjoni
Tip ta' Messaġġ	TM	O	Dettall tal-messaġġ; it-tip ta' messaġġ, "POS" ([1])
Sinjal tas-Sejħa bir-Radju	SR	O	Dettall tal-bastiment; kodiċi internazzjonali tas-sinjal tas-sejħa bir-radju tal-bastiment
Numru ta' Referenza Intern	RI	O	Dettall tal-bastiment. In-numru uniku tal-bastiment tal-Parti bħala l-kodiċi tal-pajjiż tal-bandiera ALPHA-3 ISO segwit minn numru
Numru tar-Reġistrazzjoni Estern	RE	F	Dettall tal-bastiment; in-numru tal-ġenb tal-bastiment
Latitudni	LT	O	Dettall dwar il-pożizzjoni; pożizzjoni ± 99.999 (WGS-84)
Longitudni	LĠ	O	Dettall dwar il-pożizzjoni; pożizzjoni ± 999.999 (WGS-84)
Attività	AT	O ([2])	Dettall tal-pożizzjoni; "ANC" li tindika mod ta' rapportar imnaqqas
Veloċità	VE	O	Dettall tal-pożizzjoni; Il-veloċità tal-bastiment f'1 minn kull 10 mili nawtiċi
Rotta	RO	O	Dettall tal-pożizzjoni; Rotta tal-bastiment fuq skala ta' 360º
Data	DA	O	Dettall tal-pożizzjoni; Id-data f'UTC tal-pożizzjoni (SSSSXXJJ)
Ħin	ĦI	O	Dettall tal-pożizzjoni; Il-ħin f'UTC tal-pożizzjoni (SSMM)
Tmiem tar-Reġistrazzjoni	TR	O	Dettall tas-sistema; jindika tmiem tar-reġistrazzjoni

(3) Messaġġ ta' "EXIT" (ĦRUĠ)

Element tad-Data:	Kodiċi tal-Qasam:	Obbligatorji/Fakultattivi:	Osservazzjonijiet:
Bidu tar-Reġistrazzjoni	BR	O	Dettall tas-sistema; tindika l-bidu tar-reġistrazzjoni
Indirizz	IN	O	Dettall tal-messaġġ; Parti destinatarja kodiċi tal-pajjiż ALPHA-3 ISO
Minn	MI	O	Dettall tal-messaġġ; Parti trażmittenti kodiċi tal-pajjiż ALPHA-3 ISO
Numru tar-Reġistrazzjoni	NR	F	Dettall tal-messaġġ; in-numru tas-serje tar-reġistrazjoni fis-sena rilevanti
Data tar-Reġistrazzjoni	DR	F	Dettall tal-messaġġ; data tat-trażmissjoni
Ħin tar-Reġistrazzjoni	ĦR	F	Dettall tal-messaġġ; ħin tat-trażmissjoni
Tip ta' Messaġġ	TM	O	Dettall tal-messaġġ; tip ta' messaġġ, "EXI"
Sinjal tas-Sejħa bir-Radju	SR	O	Dettall tal-bastiment; kodiċi internazzjonali tas-sinjal tas-sejħa bir-radju tal-bastiment
Numru ta' Referenza Intern	RI	O	Dettall tal-bastiment. In-numru uniku tal-bastiment tal-Parti bħala l-kodiċi tal-pajjiż tal-bandiera ALPHA-3 ISO segwit minn numru
Numru tar-Reġistrazzjoni Estern	RE	F	Dettall tal-bastiment; in-numru tal-ġenb tal-bastiment
Data	DA	O	Dettall tal-pożizzjoni; Id-data f'UTC tal-pożizzjoni (SSSSXXJJ)
Ħin	ĦI	O	Dettall tal-pożizzjoni; Il-ħin f'UTC tal-pożizzjoni (SSMM)
Tmiem tar-Reġistrazzjoni	TR	O	Dettall tas-sistema; jindika tmiem tar-reġistrazzjoni

(4) Dettalji tal-format

Kull messaġġ fi trażmissjoni tad-data huwa strutturat kif ġej:

— żbarra doppja (//) u l-kodiċi BR jindikaw il-bidu ta' messaġġ,

— żbarra doppja (//) u l-kodiċi tal-qasam jindikaw il-bidu ta' element tad-data;

— żbarra waħda (/) tissepara l-kodiċi tal-qasam mid-data,

— pari tad-data huma mifrudin minn spazju,

— il-karattri "TR" u żbarra doppja (//) jindikaw it-tmiem tar-reġistrazzjoni.

Il-kodiċijiet tal-qasam kollha mogħtija f'dan l-Anness huma fil-Format tal-Atlantiku tat-Tramuntana, kif deskritt fl-Iskema ta' Kontroll u Infurzar tal-NEAFC.

(1) it-tip ta' messaġġ għandu jkun "MAN" għar-rapporti kkomunikati minn bastimenti b'apparat ta' monitoraġġ bis-satellita difettuż.
(2) Applikabbli biss jekk il-bastiment ikun qed jittrażmetti messaġġi POS bi frekwenza mnaqqsa.
(*) Kif iddikjarat fil-Kapitolu IV, it-Taqsima 1, tal-Anness, l-istandard UN/FLUX (United Nations/Fisheries Language for Universal eXchange) u n-network ta' skambju FLUX TL huma maħsuba li jiġu implimentati għall-iskambju ta' pożizzjonijiet tal-bastimenti ladarba l-perjodi ta' prova miftiehma jkunu tlestew b'suċċess u ż-żewġ partijiet ikunu lesti. Konsegwentement, ladarba jintuża l-format UN/FLUX, l-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-format NAF ta' hawn fuq għall-iskambju ta' pożizzjonijiet tal-VMS għandhom jiġu sostitwiti bil-format VMS UN/FLUX stabbilit fit-Taqsima 2 ta' dan l-Appendiċi.

TAQSIMA 2 – FORMAT TAL-VMS UN/FLUX

Format UN/FLUX: data obbligatorja li għandha tiġi trażmessa f'rapporti ta' pożizzjoni

Data	Obbligatorja/fakultattiva	Kummenti
Destinatarju	O	Dettall dwar il-messaġġ — Il-kodiċi Alfa-3 tal-pajjiż destinatarju (ISO-3166) Nota: Parti mill-pakkett FLUX TL
Minn	O	Dettall dwar il-messaġġ — Il-kodiċi Alfa-3 tal-pajjiż speditur (ISO-3166)
Identifikatur uniku tal-messaġġ	O	UUID skont l-RFC 4122 definit mill-IETF
Data u ħin tat-trażmissjoni	O	Id-data u l-ħin meta nħoloq il-messaġġ f'UTC skont l-ISO 8601, bl-użu tal-format SSSS-XX-JJThh:mm:ss[.000000]Z ([1])
L-Istat tal-Bandiera	O	Dettalji tal-messaġġ — Bandiera tal-Istat tal-bandiera, Kodiċi tal-pajjiż Alpha-3 (ISO-3166)
Tip ta' messaġġ	O	Dettalji dwar il-messaġġ — Tip ta' messaġġ Il-kodiċijiet li ġejjin għandhom jintużaw: ENTRY: l-ewwel pożizzjoni rreġistrata wara d-dħul fiż-żona tas-sajd) EXIT: l-ewwel messaġġ irreġistrat wara l-ħruġ miż-żona tas-sajd POS: pożizzjonijiet trażmessi waqt li jkunu fiż-żona tas-sajd) MANUAL: pożizzjoni trażmessa manwalment
Is-sinjal tas-sejħa bir-radju:	O	Dettall tal-bastiment — Is-sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju tal-bastiment (l-IRCS)
In-numru ta' referenza intern tal-Parti Kontraenti	F	Dettall tal-bastiment — In-numru uniku tal-bastiment tal-parti kontraenti
Identifikatur Uniku tal-Bastiment (UVI, Unique Vessel Identifier)	F	Dettall tal-bastiment — in-numru tal-IMO
Numru tar-Reġistrazzjoni Estern	F	Dettall tal-bastiment — Numru fuq il-ġenb tal-bastiment (ISO 8859.1)
Latitudni	O	Dettall dwar il-pożizzjoni tal-bastiment — il-pożizzjoni fi gradi u fi gradi deċimali +/– GGG.ggg (WGS-84) Koordinati pożittivi għal pożizzjonijiet fit-Tramuntana tal-Ekwatur; Koordinati negattivi għal pożizzjonijiet fin-Nofsinhar tal-Ekwatur.

([1]) SSSS=sena; XX= ix-xahar, inkluż iż-0 ta' quddiem fejn in-numru tax-xahar huwa inqas minn 10; JJ= il-jum tax-xahar inkluż dak iż-0 ta' quddiem fejn in-numru tal-jum ikun inqas minn 10; Ħ= l-ittra Ħ biex tindika l-parti tat-taqsima tal-ħin; H24= sigħat tal-ġurnata espressi b'żewġ ċifri bl-użu tan-notazzjoni ta' 24 siegħa; MI= minuti espressi bħala żewġ ċifri; SS= sekondi espressi bħala żewġ ċifri; [.000000] = jistgħu jiġu inklużi frazzjonijiet ta' sekondi b'mod fakultattiv, mingħajr ma jiġu inklużi l-parentesi; Ż = iż-żona tal-ħin, li trid tkun Ż (jiġifieri UTC)

Data	Obbligatorja/fakultattiva	Kummenti
Longitudni	O	Dettall tal-pożizzjoni tal-bastiment — pożizzjoni fi gradi u gradi deċimali DD.ddd (WGS-84). Koordinati pożittivi fil-Lvant tal-meridjan ta' Greenwich; Koordinati negattivi fil-Punent tal-meridjan ta' Greenwich.
Rotta	O	Rotta tal-bastiment fuq skala ta' 360º
Veloċità	O	Veloċità tal-bastiment f'mili nawtiċi
Data u ħin	O	Dettalji dwar il-pożizzjoni tal-bastiment — data u ħin tar-reġistrazzjoni tal-pożizzjoni f'UTC skont l-istandard ISO 8601, fil-format SSSS-XX-DDThh:mm:ss[.000000]Z ([2])

It-trażmissjoni tad-data fil-format UN/FLUX għandha tkun strutturata bil-mod stabbilit fid-dokument tekniku ta' implimentazzjoni separat li għandu jiġi żviluppat u miftiehem mill-Partijiet qabel ma sseħħ il-bidla għall-UN/FLUX.

([2]) SSSS= sena; XX= ix-xahar, inkluż iż-0 ta' quddiem fejn in-numru tax-xahar huwa inqas minn 10; JJ= il-jum tax-xahar inkluż dak iż-0 ta' quddiem fejn in-numru tal-jum ikun inqas minn 10; Ħ= l-ittra Ħ biex tindika l-parti tat-taqsima tal-ħin; H24= sigħat tal-ġurnata espressi b'żewġ ċifri bl-użu tan-notazzjoni ta' 24 siegħa; MI= minuti espressi bħala żewġ ċifri; SS= sekondi espressi bħala żewġ ċifri; [.000000] = jistgħu jiġu inklużi frazzjonijiet ta' sekondi b'mod fakultattiv, mingħajr ma jiġu inklużi l-parentesi; Ż= iż-żona tal-ħin, li għandha tkun Ż (jiġifieri. UTC)

Appendiċi 5

SKEMA TA' FLESSIBBILTÀ FIS-SAJD GĦAR-REDFISH PELAĠIKU BEJN L-ILMIJIET TA' GREENLAND U TAL-NEAFC

1. Biex bastiment tal-Unjoni jistad skont l-iskema ta' flessibbiltà fis-sajd għar-redfish pelaġiku bejn l-ilmijiet ta' Greenland u dawk tal-NEAFC, għandu jkollu awtorizzazzjoni tas-sajd maħruġa minn Greenland f'konformità mal-Kapitolu II tal-Anness tal-Protokoll. L-applikazzjoni u l-awtorizzazzjoni tas-sajd se jirreferu biċ-ċar għall-attivitajiet 'il barra miż-ŻEE ta' Greenland.

2. Fiż-żona regolatorja tal-NEAFC għandhom jitħarsu l-miżuri kollha adottati mill-NEAFC b'rabta ma' dak it-tip ta' sajd.

3. Bastiment tal-Unjoni jista' jistad biss il-kwota tiegħu għar-redfish ta' Greenland ladarba jkun eżawrixxa s-sehem tiegħu tal-kwota tar-redfish tal-NEAFC tal-Unjoni allokata mill-Istat tal-Bandiera tiegħu.

4. Bastiment jista' jistad il-kwota tiegħu ta' Greenland fl-istess żona tal-NEAFC, fejn tkun inqabdet il-kwota tal-NEAFC, suġġett għall-paragrafu 5.

5. Bastiment tal-Unjoni jista' jistad il-kwota tiegħu ta' Greenland fiż-żona ta' konservazzjoni tar-redfish (RCA) bil-kundizzjonijiet stabbiliti fir-rakkomandazzjoni tal-NEAFC dwar il-ġestjoni tar-redfish fil-baħar Irminger u fl-ilmijiet tal-madwar, iżda bl-esklużjoni ta' kwalunkwe parti li tinsab fiż-żona tas-sajd tal-Iżlanda.

6. Bastiment tal-Unjoni li jwettaq attivitajiet tas-sajd fiż-Żona Regolatorja tal-NEAFC għandu jibgħat rapport dwar il-pożizzjoni tal-VMS lill-NEAFC permezz taċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera tiegħu f'konformità mar-rekwiżiti regolatorji. Waqt li bastiment ikun qed jistad għall-ħut fiż-żona ta' konservazzjoni tar-redfish tal-NEAFC fil-qafas tal-kwota ta' Greenland, iċ-ĊMS tal-Istat tal-bandiera għandu jirranġa b'mod speċifiku biex ir-riżultati tat-teħid tar-rapport tal-VMS dwar il-pożizzjoni tal-bastiment ta' kull siegħa jintbagħtu liċ-ĊMS ta' Greenland kważi f'ħin reali.

7. Il-kaptan tal-bastiment għandu jiżgura li meta jkun qed jibgħat ir-rapporti lill-NEAFC u lill-awtoritajiet ta' Greenland, il-qabdiet tar-redfish li jkunu nqabdu fiż-żona regolatorja tal-NEAFC abbażi tal-iskema ta' flessibbiltà ta' Greenland jiġu identifikati biċ-ċar bħala qabdiet li saru abbażi tal-awtorizzazzjoni tas-sajd ta' Greenland maħruġa fil-qafas tal-iskema ta' flessibbiltà.

   Qabel ma bastiment jibda jistad abbażi tal-awtorizzazzjoni tas-sajd ta' Greenland tiegħu, huwa għandu jibgħat rapport ta' AVVIŻ TA' AZZJONI.

   Meta bastiment ikun qed jistad abbażi ta' awtorizzazzjoni tas-sajd ta' Greenland, huwa għandu jibgħat ta' kuljum rapport TAL-QABDIET TA' KULJUM sa mhux aktar tard minn 23:59 UTC.

   Malli bastiment jieqaf mill-attivitajiet tas-sajd tiegħu marbutin mal-kwota ta' Greenland, huwa għandu jibgħat rapport TA' TMIEM L-AZZJONI.

   Ir-Rapport TA' AVVIŻ TA' AZZJONI, ir-Rapport TAL-QABDIET TA' KULJUM u r-Rapport TA' TMIEM L-AZZJONI għandhom isiru f'konformità mal-Kapitolu IV, it-Taqsima 2, tal-Anness.

8. Sabiex jitħarsu iktar iż-żoni ta' estrużjoni tal-larva, l-attivitajiet tas-sajd ma għandhomx jibdew qabel id-data stipulata fir-rakkomandazzjoni tal-NEAFC dwar il-ġestjoni tar-redfish fil-baħar Irminger u fl-ilmijiet ta' madwaru.

9. L-Istat tal-bandiera għandu jibgħat rapporti dwar il-qabdiet li jkunu saru abbażi tal-kwota ta' Greenland fl-ilmijiet ta' Greenland u fiż-żona regolatorja tal-NEAFC lill-awtoritajiet tal-Unjoni. Dawk għandhom jinkludu l-qabdiet kollha li jkunu saru fil-qafas tal-iskema ta' flessibbiltà u għandhom jidentifikaw biċ-ċar il-qabdiet u l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd korrispondenti.

10. Fi tmiem l-istaġun tas-sajd kull ĊMS ta' Stat tal-bandiera għandu jibgħat lill-awtoritajiet ta' Greenland l-istatistika dwar il-qabdiet marbuta mas-sajd għar-redfish pelaġiku li jkun sar skont din l-iskema ta' flessibbiltà.

Appendiċi 6

PROĊESSAR TA' DATA PERSONALI

1. Id-definizzjonijiet u l-kamp ta' applikazzjoni

1.1. Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan l-Appendiċi, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Ftehim u d-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "data personali" tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli ("suġġett tad-data"); persuna fiżika identifikabbli hija persuna li tista' tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'referenza għal identifikatur bħal isem, numru ta' identifikazzjoni, jew data ta' lokalizzazzjoni;

(b) "ipproċessar" tfisser kwalunkwe operazzjoni jew sett ta' operazzjonijiet imwettqa fuq data personali jew fuq settijiet ta' data personali, kemm jekk b'mezzi awtomatizzati kif ukoll jekk le, bħall-ġbir, ir-reġistrazzjoni, l-organizzazzjoni, l-istrutturar, il-ħżin, l-adattament jew it-tibdil, l-irkupru, il-konsultazzjoni, l-użu, l-iżvelar bi trażmissjoni, it-tixrid jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni b'xi mod ieħor, l-allinjament jew il-kombinazzjoni, ir-restrizzjoni, it-tħassir jew il-qerda;

(c) "awtorità trasferenti" tfisser awtorità pubblika li tibgħat data personali;

(d) "awtorità riċeventi" tfisser awtorità pubblika li lilha tiġi żvelata data personali;

(e) "ksur tad-data" tfisser ksur tas-sigurtà li jwassal għall-qerda aċċidentali jew illegali, it-telf, l-alterazzjoni, l-iżvelar mhux awtorizzat tad-data personali trażmessa, maħżuna jew ipproċessata b'xi mod ieħor, jew l-aċċess għaliha;

(f) "trasferiment ulterjuri" tfisser it-trasferiment ta' data personali minn parti riċeventi lil entità li mhijiex firmatarja ta' dan il-Protokoll ("parti terza");

(g) "awtorità superviżorja" tfisser awtorità pubblika indipendenti responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' dan l-Appendiċi sabiex tipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali.

1.2. Kamp ta' Applikazzjoni

Il-persuni kkonċernati mill-Protokoll huma, b'mod partikolari, persuni fiżiċi li huma sidien ta' bastimenti tas-sajd, ir-rappreżentanti tagħhom, il-kaptan u l-ekwipaġġ li jservu abbord bastimenti tas-sajd li joperaw skont dan il-Protokoll.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Protokoll, b'mod partikolari fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-għotjiet, il-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd u l-ġlieda kontra s-sajd illegali, id-data li ġejja tista' tiġi skambjata u pproċessata ulterjorment:

— l-identifikazzjoni u d-dettalji ta' kuntatt tal-bastiment;

— l-attivitajiet ta' bastiment jew relatati ma' bastiment, il-pożizzjoni u l-movimenti tiegħu, l-attività tas-sajd tiegħu jew l-attività relatata mas-sajd, miġbura permezz ta' kontrolli, spezzjonijiet jew osservaturi;

— data relatata mas-sidien tal-bastiment jew ir-rappreżentant tiegħu, bħall-isem, in-nazzjonalità, id-dettalji ta' kuntatt tan-negozju u l-kont bankarju tan-negozju;

— data relatata mal-aġent lokali, bħall-isem, in-nazzjonalità u d-dettalji ta' kuntatt tan-negozju;

— data relatata mal-kaptani tal-bastiment u l-membri tal-ekwipaġġ, bħall-ismijiet, in-nazzjonalità, il-funzjoni u, fil-każ tal-kaptan, id-dettalji ta' kuntatt tiegħu jew tagħha;

— data relatata mas-sajjieda abbord, bħall-isem, id-dettalji ta' kuntatt, it-taħriġ u ċ-ċertifikat tas-saħħa.

1.3. Awtoritajiet responsabbli

L-awtoritajiet responsabbli għall-ipproċessar tad-data huma l-Kummissjoni Ewropea u l-awtorità tal-Istat Membru tal-bandiera, għall-Unjoni, u l-awtorità ta' Greenland.

2. Salvagwardji għall-protezzjoni tad-data personali

2.1. Limitazzjoni tal-iskop u l-minimizzazzjoni tad-data

Id-data personali mitluba u ttrasferita skont il-Protokoll għandha tkun adegwata, rilevanti u limitata għal dak li huwa meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-Protokoll, jiġifieri għall-ipproċessar tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd u għall-kontroll u l-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-bastimenti tal-Unjoni. Il-partijiet għandhom jiskambjaw data personali skont il-Protokoll biss għall-finijiet speċifiċi stabbiliti fil-Protokoll.

Id-data riċevuta ma għandhiex tiġi pproċessata għal finijiet oħra għajr dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu, jew inkella għandha tiġi anonimizzata.

Fuq talba, l-awtorità riċeventi għandha tinforma lill-awtorità trasferenti mingħajr dewmien dwar kif tintuża d-data pprovduta.

2.2. Akkuratezza

Il-partijiet għandhom jiżguraw li d-data personali trasferita skont il-Protokoll tkun preċiża, aġġornata u, fejn xieraq, aġġornata regolarment abbażi tal-għarfien tal-awtorità trasferenti. Jekk waħda mill-Partijiet issib li d-data personali trasferita jew riċevuta mhijiex preċiża, hija għandha tinforma lill-Parti l-oħra mingħajr dewmien u għandha tikkoreġiha u taġġornaha kif meħtieġ.

2.3. Limitazzjoni tal-ħżin

Id-data personali ma għandhiex tinżamm għal aktar żmien milli jkun meħtieġ għall-iskop li għalih tkun ġiet skambjata. Dawn għandhom jitħassru mhux aktar tard minn sena wara l-iskadenza tal-Protokoll, sakemm ma jkunux meħtieġa biex jikkonformaw mal-obbligi skont il-Kapitolu 12 tal-Att dwar is-Sajd ta' Greenland (l-Att Nru 29 tat-23 ta' Mejju 2024 dwar is-Sajd) jew biex isegwu ksur, spezzjoni jew proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi. Fil-każ tal-aħħar, id-data tista' tinżamm sakemm ikun meħtieġ biex il-ksur jew l-ispezzjoni jkunu jistgħu jiġu segwiti jew sakemm il-proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi jkunu ngħalqu b'mod definittiv. Fir-rigward tad-data personali meħtieġa għall-konformità mal-obbligi skont il-Kapitolu 12 tal-Att dwar is-Sajd ta' Greenland (l-Att Nru 29 tat-23 ta' Mejju 2024 dwar is-Sajd), id-data għandha titħassar mhux aktar tard minn 5 snin wara li tkun inkisbet id-data skont il-Protokoll.

Jekk id-data personali tinħażen għal perjodu itwal, din għandha tiġi anonimizzata.

2.4. Sigurtà u kunfidenzjalità

Id-data personali għandha tiġi pproċessata b'tali mod li jiġi żgurat li tkun sigura kif xieraq, filwaqt li jitqiesu r-riskji speċifiċi tal-ipproċessar, inkluża l-protezzjoni kontra l-ipproċessar mhux awtorizzat jew illegali u kontra t-telf, il-qerda jew il-ħsara aċċidentali. L-awtoritajiet responsabbli għall-ipproċessar għandhom jindirizzaw kwalunkwe ksur tad-data u jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirrimedjaw jew jimmitigaw kwalunkwe effett negattiv ta' ksur ta' data personali. L-awtorità riċeventi għandha tinnotifika tali ksur lill-awtorità trasferenti malajr kemm jista' jkun, u ż-żewġ awtoritajiet għandhom jikkooperaw ma' xulxin fil-ħin kif meħtieġ biex kull waħda tikkonforma mal-obbligi tagħha li jirriżultaw minn ksur tad-data personali skont il-qafas legali nazzjonali tagħha.

Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jistabbilixxu miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiżguraw li l-ipproċessar ikun konformi mal-Protokoll.

2.5. Rettifika jew tħassir

Iż-żewġ Partijiet għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet trasferenti u riċeventi jieħdu l-passi raġonevoli kollha biex jiżguraw li d-data personali tiġi, kif xieraq, rettifikata jew imħassra mingħajr dewmien jekk l-ipproċessar ma jkunx konformi mal-Protokoll, b'mod partikolari minħabba li d-data ma tkunx adegwata, rilevanti jew preċiża jew tkun eċċessiva fir-rigward tal-iskop tal-ipproċessar.

Iż-żewġ Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin b'kull rettifika jew tħassir.

2.6. Trasparenza

Il-partijiet għandhom jiżguraw li s-suġġetti tad-data jiġu infurmati, permezz ta' notifika individwali u pubblikazzjoni tal-Ftehim fuq is-siti web tagħhom, dwar il-kategoriji ta' data trasferita u pproċessata ulterjorment, il-mod li bih tiġi pproċessata d-data personali, l-għodda rilevanti użata għat-trasferiment, l-iskop tal-ipproċessar, il-partijiet terzi jew il-kategoriji ta' partijiet terzi li lilhom l-informazzjoni tista' tiġi ttrasferita ulterjorment, id-drittijiet individwali u l-mekkaniżmi disponibbli għalihom biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u jiksbu rimedju, u dettalji dwar fejn jistgħu jressqu proċedimenti jew iressqu lmenti.

2.7 Trasferiment ulterjuri

L-awtorità riċeventi għandha tittrasferixxi data personali riċevuta skont il-Protokoll lil parti terza stabbilita f'pajjiż li mhuwiex l-Istat Membru tal-bandiera biss jekk dan ikun iġġustifikat minn objettiv importanti ta' interess pubbliku li huwa rikonoxxut ukoll fil-leġiżlazzjoni applikabbli għall-awtorità trasferenti u jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti l-oħra stabbiliti f'dan l-Appendiċi (b'mod partikolari fir-rigward tal-limitazzjoni tal-iskop u l-minimizzazzjoni tad-data), u

(a) jekk il-Kummissjoni Ewropea tkun adottat deċiżjoni ta' adegwatezza skont l-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] fir-rigward tal-pajjiż fejn tinsab il-parti terza jew fejn tinsab l-organizzazzjoni internazzjonali, u dik id-deċiżjoni tkopri t-trasferiment ulterjuri; jew

(b) f'każijiet speċifiċi, fejn tali trasferiment ikun meħtieġ biex l-awtorità trasferenti tissodisfa l-obbligi tagħha lejn organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd jew organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd; jew

(c) f'każijiet eċċezzjonali u fejn jitqies meħtieġ, dment li l-parti terza timpenja ruħha li tipproċessa d-data biss għall-iskopijiet speċifiċi li għalihom tkun ġiet ittrasferita ulterjorment u li tħassarha hekk kif l-ipproċessar ma jibqax meħtieġ għal dak l-għan.

3. Id-drittijiet tas-suġġetti tad-data

3.1. Aċċess għad-data personali

Fuq talba ta' suġġett tad-data, l-awtorità riċeventi għandha:

(a) tikkonferma lis-suġġett tad-data jekk id-data personali relatata mas-suġġett tad-data hijiex qed tiġi pproċessata jew le;

(b) tipprovdi informazzjoni dwar l-iskop tal-ipproċessar, il-kategoriji ta' data personali, il-perjodu ta' ħżin (jekk possibbli), id-dritt li titlob rettifika/tħassir, id-dritt li jitressaq ilment, eċċ.;

(c) tipprovdi kopja tad-data personali;

(d) tipprovdi informazzjoni ġenerali dwar is-salvagwardji applikabbli.

3.2. Korrezzjoni ta' data personali

Fuq talba ta' suġġett tad-data, l-awtorità riċeventi għandha tirrettifika kwalunkwe data personali tas-suġġett tad-data li ma tkunx kompluta, ma tkunx preċiża jew ma tkunx valida.

3.3. Tħassir ta' data personali

Fuq talba ta' suġġett tad-data, l-awtorità riċeventi għandha:

(a) tħassar kwalunkwe data personali relatata mas-suġġett tad-data li tkun ġiet ipproċessata b'mod li ma jkunx konformi mas-salvagwardji stabbiliti fil-Protokoll;

(b) tħassar kwalunkwe data personali relatata mas-suġġett tad-data li ma għadhiex meħtieġa għall-finijiet li għalihom kienet ipproċessata legalment;

(c) twaqqaf l-ipproċessar tad-data personali jekk is-suġġett tad-data joġġezzjona għal raġunijiet relatati mas-sitwazzjoni partikolari tiegħu, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet leġittimi konvinċenti għall-ipproċessar li jegħlbu l-interessi, id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-data.

3.4. Arranġamenti dettaljati

L-awtorità riċeventi għandha twieġeb minnufih, f'perjodu ta' żmien raġonevoli u fi kwalunkwe każ fi żmien xahar mit-talba, għal talbiet mis-suġġetti tad-data dwar l-aċċess għad-data personali tagħhom, jew ir-rettifika jew it-tħassir tagħha. L-awtorità riċeventi tista' tieħu passi xierqa, bħall-impożizzjoni ta' tariffi raġonevoli biex tkopri l-kostijiet amministrattivi jew ir-rifjut li taġixxi fuq talba li tkun manifestament infondata jew eċċessiva.

Jekk it-talba tas-suġġett tad-data tiġi rrifjutata, l-awtorità riċeventi għandha tinforma lis-suġġett tad-data bir-raġunijiet għar-rifjut.

3.5. Restrizzjonijiet

Id-drittijiet skont dan l-Appendiċi jistgħu jiġu ristretti jekk tali restrizzjoni tkun stabbilita fil-liġi u tkun meħtieġa u proporzjonata f'soċjetà demokratika għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali.

[1] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

Dawk id-drittijiet jistgħu jiġu ristretti wkoll biex tiġi ssalvagwardjata funzjoni ta' monitoraġġ, spezzjoni jew regolatorja marbuta, anki jekk kultant, mal-eżerċizzju tal-awtorità uffiċjali.

Jistgħu jkunu ristretti wkoll, taħt l-istess kundizzjonijiet, għall-protezzjoni tas-suġġett tad-data jew tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.

4. Rimedju u superviżjoni indipendenti

4.1. Superviżjoni indipendenti

Il-konformità tal-ipproċessar tad-data personali ma' dan il-Protokoll għandha tkun soġġetta għal superviżjoni indipendenti minn korp estern jew intern li jeżerċita superviżjoni indipendenti u li jkollu setgħat investigattivi u ta' rimedju.

4.2. Awtoritajiet ta' sorveljanza

Għall-Unjoni, tali superviżjoni għandha tiġi eżerċitata mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, meta l-ipproċessar jaqa' taħt il-kompetenza tal-Kummissjoni Ewropea, jew mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali għall-protezzjoni tad-data, meta jaqa' taħt il-kompetenza tal-Istat Membru tal-bandiera.

Għal Greenland, l-Aġenzija Daniża għall-Protezzjoni tad-Data (Datatilsynet) għandha tkun kompetenti.

L-awtoritajiet imsemmija hawn fuq għandhom jittrattaw u jsolvu l-ilmenti mis-suġġetti tad-data relatati mal-ipproċessar tad-data personali tagħhom skont il-Protokoll b'mod effettiv u f'waqtu.

4.3. Dritt għal rimedju

Kull Parti għandha tiżgura li, fis-sistema legali tagħha, suġġett tad-data li jemmen li awtorità tkun naqset milli tikkonforma mas-salvagwardji stabbiliti fl-Artikolu 11 tal-Protokoll u f'dan l-Appendiċi, jew li jemmen li d-data personali tiegħu kienet soġġetta għal ksur, jista' jfittex kumpens minn dik l-awtorità sa fejn ikun permess mil-leġiżlazzjoni applikabbli quddiem qorti tal-ġustizzja jew korp ekwivalenti.

B'mod partikolari, kwalunkwe lment kontra kwalunkwe awtorità jista' jiġi indirizzat lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, fil-każ tal-Kummissjoni Ewropea, u lill-Aġenzija Daniża għall-Protezzjoni tad-Data, fil-każ ta' Greenland. Barra minn hekk, ċerti lmenti kontra kwalunkwe awtorità jistgħu jitressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fil-każ tal-Kummissjoni Ewropea, u quddiem il-Qrati ta' Greenland, fil-każ ta' Greenland.

Fil-każ ta' tilwima jew ilment imressaq minn suġġett tad-data b'rabta mal-ipproċessar tad-data personali tiegħu kontra l-awtorità trasferenti, l-awtorità riċeventi jew iż-żewġ awtoritajiet, l-awtoritajiet għandhom jinfurmaw lil xulxin b'dan u jagħmlu kull sforz biex isolvu t-tilwima jew l-ilment b'mod amikevoli mill-aktar fis possibbli.

4.4. Skambju tal-informazzjoni

Il-partijiet għandhom iżommu lil xulxin infurmati dwar kwalunkwe lment li jirċievu dwar l-ipproċessar ta' data personali skont il-Protokoll u dwar ir-riżoluzzjoni tagħhom.

5. Rieżami

Jekk ikun meħtieġ, il-Partijiet jistgħu jaqblu li jirrieżaminaw il-politiki u l-proċeduri tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom biex jivverifikaw u jikkonfermaw li s-salvagwardji stabbiliti fl-Artikolu 11 tal-Protokoll u dan l-Appendiċi jiġu implimentati b'mod effettiv fil-Kumitat Konġunt.

6. Sospensjoni tat-trasferiment

Meta l-Partijiet ma jkunux jistgħu jsolvu b'mod amikevoli tilwim dwar l-ipproċessar tad-data personali f'konformità ma' dan l-Appendiċi, il-Parti trasferenti tista' tissospendi jew ittemm it-trasferiment ta' data personali sakemm tqis li l-kwistjoni tkun ġiet solvuta b'mod sodisfaċenti mill-Parti riċeventi. Id-data diġà trasferita għandha tkompli tiġi pproċessata f'konformità ma' dan l-Appendiċi.